Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 908/2014

tas-6 ta' Awwissu 2014

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza

(ĠU L 255, 28.8.2014, p. 59)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/583 tat-13 ta' April 2015	L 97	5	14.4.2015
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/775 tat-18 ta' Mejju 2015	L 122	1	19.5.2015
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2222 tal-1 ta' Diċembru 2015	L 316	2	2.12.2015

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 114, 5.5.2015, p. 25 (908/2014)

►C2 Emendi, Ġ.U. L 330, 16.12.2015, p. 55 (2015/2222)

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 908/2014

tas-6 ta' Awwissu 2014

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 8(2), 9(2), 23, 36(6), 46(5) u (6), 50(2), 53(1), 57(2), 62(2), 66(4), 88, 104, 114 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jistabbilixxi r-regoli bażiċi dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni, inkluż dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi ta' koordinazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-proċeduri ta' approvazzjoni, is-sistemi ta' kontroll u penali, inkluż l-iskrutinju tat-tranżazzjoni, il-garanziji u t-trasparenza. Sabiex jiġi żgurat li l-qafas legali l-ġdid stabbilit minn dak ir-Regolament jiffunzjona tajjeb u japplika b'mod uniformi, il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tadotta ċerti regoli f'dawk l-oqsma kkonċernati. Ir-regoli l-ġodda għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 601/94 ([2]), (KE)

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 601/94 tas-17 ta' Marzu 1994 għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 165/94 fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli dettaljati dwar il-kofinanzjament mill-Komunità ta' kontrolli b'remote sensing fuq oqsma agrikoli (ĠU L 76, 18.3.1994, p. 20).

▼B

Nru 4/2004 ([1]), (KE) Nru 883/2006 ([2]), (KE) Nru 884/2006 ([3]), (KE) Nru 885/2006 ([4]), (KE) Nru 259/2008 ([5]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2012 ([6]). Ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2006, (KE) Nru 884/2006, (KE) Nru 885/2006 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2012 ġew revokati mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ([7]). Għall-finijiet taċ-ċarezza u taċ-ċertezza legali, ir-Regolamenti (KE) Nru 601/94 (KE) Nru 4/2004 u (KE) Nru 259/2008 għandhom jitħassru b'dan ir-Regolament.

(2) L-aġenziji tal-pagamenti għandhom jiġu akkreditati biss mill-Istati Membri jekk ikunu konformi ma' ċerti kriterji minimi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni kif hemm referenza fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014. Dawk il-kriterji ta' akkreditazzjoni huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014. Għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar il-proċeduri għall-ħruġ, ir-reviżjoni u l-irtirar tal-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi ta' koordinazzjoni.

(3) L-Istati Membri għandhom iżommu l-aġenziji tal-pagamenti tagħhom taħt superviżjoni kontinwa. Għandhom jistabbilixxu sistema ta' skambju ta' informazzjoni biex jirrapportaw u jżommu lill-awtoritajiet kompetenti infurmati dwar każijiet ta' suspett ta' nuqqas ta' konformità. Għandha tidħol fis-seħħ proċedura li l-Istati Membri jimxu magħha fit-trattament ta' każijiet bħal dawn, u din għandha tinkludi l-obbligu li jitħejja pjan biex xi nuqqas identifikat jiġi rimedjat f'limitu ta' żmien stabbilit. Fir-rigward ta' nfiq li jkun sar mill-aġenziji tal-pagamenti li l-akkreditazzjoni tagħhom tinżamm mill-Istat Membru tagħhom, anke

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 4/2004 tat-23 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89 dwar is-sindakar mill-Istati Membri ta' operazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament mit-Taqsima tal-Garanziji tal-Fond Ewropew għall-Gwida Agrikolturali u l-Garanziji (ĠU L 2, 6.1.2004, p. 3).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistipula l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, rigward iż-żamma tal-kotba tal-aġenziji tal-ħlas, id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż u tad-dħul u l-kundizzjonijiet ta' ħlas lura tal-ispejjeż fil-qafas tal-EAGF u tal-EAFRD (ĠU L 171, 23.6.2006, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 884/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 rigward il-finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) tal-miżuri ta' intervent taħt forma ta' operazzjonijiet ta' ħżin pubbliku u l-kontabbiltà tal-operazzjonijiet ta' ħżin pubbliku mill-aġenziji tal-ħlas tal-Istati Membri (ĠU L 171, 23.6.2006, p. 35).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas u ta' korpijiet oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR (ĠU L 171, 23.6.2006, p. 90).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 259/2008 tat-18 ta' Marzu 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 rigward il-pubblikazzjoni ta' tagħrif dwar il-benefiċjarji tal-fondi ġejjin mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 76, 19.3.2008, p. 28).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 282/2012 tat-28 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi r-regoli komuni ddettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema tal-garanziji għall-prodotti agrikoli (ĠU L 92, 30.3.2012, p. 4).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, it-titoli u l-użu tal-euro (Ara paġna 18 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

jekk dawn ikunu naqsu milli jimplimentaw pjan bħal dan fil-limitu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibilità li tiddeċiedi li tindirizza n-nuqqasijiet permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità stipulata fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

(4) Skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-persuni responsabbli mill-aġenziji tal-pagamenti akkreditati huma meħtieġa jħejju dikjarazzjonijiet tal-ġestjoni dwar il-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet u l-funzjonament tajjeb tas-sistemi interni ta' kontroll, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Għandhom jiġu stabbiliti regoli fir-rigward tal-kontenut u l-format ta' dikjarazzjonijiet tal-ġestjoni bħal dawn.

(5) Ir-regoli għat-tħaddim tal-korpi ta' koordinazzjoni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, kif ukoll il-kompiti tal-korpi ta' ċertifikazzjoni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu stabbiliti. Barra minn hekk, il-kontenut taċ-ċertifikati u r-rapporti li għandhom jitfasslu mill-korpi ta' ċertifikazzjoni għandu jkun speċifikat biex jiżgura li dawn ikunu ta' għajnuna għall-Kummissjoni fil-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

(6) Sabiex tkun żgurata ġestjoni tajba tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-Unjoni għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ("il-Fondi"), l-aġenziji tal-pagamenti għandhom iżommu kontijiet separati b'rabta esklussiva mal-pagamenti magħmula minn kull Fond u d-dħul assenjat għal kull Fond. Minħabba dan, il-kontijiet miżmuma mill-aġenziji tal-pagamenti għandhom juru b'mod ċar, għal kull wieħed miż-żewġ Fondi, l-infiq li jkun sar u d-dħul assenjat skont l-Artikolu 4(1), l-Artikoli 5 u l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, u għandhom jippermettu li dan l-infiq u d-dħul jintrabatu marriżorsi li tpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom mill-baġit tal-Unjoni.

(7) Il-Politika Agrikola Komuni hija ffinanzjata f'euro, filwaqt li tippermetti Stati Membri li ma adottawx l-euro jagħmlu l-pagamenti lill-benefiċjarji fil-munita nazzjonali tagħhom. Sabiex tkun possibbli l-konsolidazzjoni tal-infiq u d-dħul kollu, għaldaqstant huwa meħtieġ li jkun stipulat li l-aġenziji tal-pagamenti relevanti għandhom ikunu f'qagħda li jipprovdu d-dejta marbuta mal-infiq u d-dħul kemm f'euro kif ukoll fil-munita li biha jkun sar l-infiq u tħallas id-dħul.

(8) L-infiq kofinanzjat mill-baġit tal-Unjoni u mill-baġits nazzjonali, bħala sostenn għall-iżvilupp rurali skont il-FAEŻR, huwa bbażat fuq programmi mqassma f'miżuri, rata ta' kontribuzzjoni speċifika u qasam fokali. Skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, dak l-infiq għandu jiġi segwit u mdaħħal fil-kontijiet abbażi ta' dan sabiex l-operazzjonijiet kollha jkunu jistgħu jiġu identifikati skont il-programm, il-miżura, ir-rata ta' kontribuzzjoni speċifika u l-qasam fokali. Permezz ta' dan ikun hemm iċ-ċertezza li l-korrispondenza bejn in-nefqa li tkun saret u r-riżorsi finanzjarji

▼B

assenjati tkun tista' tiġi vverifikata. F'dan il-kuntest, għandhom jiġu speċifikati l-elementi li jridu jiġu kkunsidrati mill-aġenziji tal-pagamenti. B'mod partikolari, l-aġenziji tal-pagamenti għandhom juru b'mod ċar l-oriġini tal-Fondi pubbliċi u tal-Unjoni fil-kontijiet b'rabta mal-iffinanzjar effettwat. Barra minn hekk, l-ammonti li jridu jiġu rkuprati minn benefiċjarji u l-ammonti li diġà ġew irkuprati għandhom jiġu identifikati u jintwerew b'rabta mal-operazzjonijiet oriġinali.

(9) L-Istati Membri jimmobilizzaw ir-riżorsi meħtieġa biex jiffinanzjaw in-nefqa tal-FAEG li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 qabel ma l-Kummissjoni tiffinanzja din in-nefqa fil-forma ta' rimborżi ta' kull xahar tal-infiq effettwat. B'mod alternattiv, l-Istati Membri jirċievu pagament inizjali għan-nefqa tal-FAEŻR li aktar tard jiġi approvat mal-approvazzjoni finanzjarja annwali skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Sabiex tiġi żgurata ġestjoni tajba tal-flussi finanzjarji, l-Istati Membri għandhom jiġbru l-informazzjoni meħtieġa biex juru l-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-infiq li jkun sar għal dawn r-rimborżi ta' kull xahar, u jżommu din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni dwar kif u meta l-infiq u d-dħul jiġu effettwati, jew inkella jibagħtuha lill-Kummissjoni f'intervalli regolari. L-informazzjoni għandha tiġi provduta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri f'intervalli adattati għall-metodu ta' ġestjoni ta' kull Fond. L-għoti ta' informazzjoni f'intervalli bħal dawn ma għandux jaffettwa l-obbligu tal-Istati Membri li jżommu l-informazzjoni sħiħa miġbura għal monitoraġġ xieraq tal-infiq għad-dispożizzjoni tal-verifika tal-Kummissjoni.

(10) L-obbligi ġenerali dwar l-aġenziji tal-pagamenti rigward iż-żamma tal-kontijiet ikopru d-dejta meħtieġa għall-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi tal-Unjoni. Madankollu, dawn l-obbligi ma jkoprux ir-rekwiżiti fir-rigward tar-rimborż tan-nefqa u d-dettalji li jridu jingħataw lill-Kummissjoni sabiex jinkiseb tali rimborż. Għaldaqstant l-informazzjoni u d-dettalji, b'rabta mal-infiq li se jiġi ffinanzjat mill-Fondi, li għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni f'intervalli regolari għandhom jiġu speċifikati. In-notifiki ta' informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni għandhom jippermettulha tuża l-informazzjoni, mibgħuta direttament u bl-aktar mod effikaċi possibbli, għall-ġestjoni tal-kontijiet tal-Fondi u għall-pagamenti relevanti. Biex jintlaħaq dan l-għan, l-informazzjoni kollha li għandha tkun disponibbli jew komunikata bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha tintbagħat b'mod elettroniku.

(11) Skont il-punt (c) tal-ewwel subpragrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għall-miżuri b'rabta ma' operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi, id-dikjarazzjonijiet tal-infiq, li jservu wkoll bħala talba għall-pagament, għandhom jintbagħtu wkoll lill-Kummissjoni flimkien mal-informazzjoni mitluba. Sabiex l-Istati Membri u l-aġenziji tal-pagamenti jkunu jistgħu jħejju dawk id-dikjarazzjonijiet tal-infiq skont regoli armonizzati, u biex il-Kummissjoni tkun tista' tikkunsidra t-talbiet għall-pagamenti, għandhom jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li skonthom dan l-infiq jista' jiġi kkunsidrat skont il-baġits rispettivi

▼B

tal-FAEG u l-FAEŻR. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jispeċifikaw ir-regoli li japplikaw għar-reġistrazzjoni tal-infiq u d-dħul, b'mod partikolari d-dħul assenjat u kull korrezzjoni li għandha ssir, kif ukoll għad-dikjarazzjoni reali tagħhom.

(12) Meta, abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-infiq li jaslu mingħand l-Istati Membri skont il-FAEG, it-total tal-impenji bil-quddiem li jistgħu jiġu awtorizzati skont l-Artikolu 170(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jaqbeż il-75 % tal-approprjazzjonijiet għal dik is-sena finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tnaqqas dawk l-ammonti. Skont il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, dak it-tnaqqis għandu jinqasam bejn l-Istati Membri kollha b'mod proporzjonali, abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-infiq li jaslu mingħandhom. Għall-allokazzjoni ġusta tal-approprjazzjonijiet disponibbli bejn l-Istati Membri, għandha ssir dispożizzjoni għall-pagamenti ta' kull xahar skont il-FAEG biex dawn jitnaqqsu b'persentaġġ, stabbilit għal kull kapitolu, tad-dikjarazzjonijiet tal-infiq ippreżentati minn kull Stat Membru, u għall-bilanċ mhux użat f'xahar partikolari biex dan ikun allokat mill-ġdid mid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar pagamenti ta' kull xahar sussegwenti.

(13) Il-Kummissjoni, wara li tkun approvat il-pagamenti ta' kull xahar, għandha tpoġġi r-riżorsi meħtieġa biex tkopri l-infiq li jrid jiġi ffinanzjat mill-Fondi għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, skont arranġamenti u kundizzjonijiet prattiċi li għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' informazzjoni komunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u ta' sistemi ta' informazzjoni stipulati mill-Kummissjoni.

(14) Kundizzjoni għar-rimborż ta' nefqa ta' intervent pubbliku mġarrba mill-aġenziji tal-pagamenti hija l-inklużjoni fid-dikjarazzjonijiet tal-infiq tagħhom, tal-valuri u l-ammonti entrati matul ix-xahar li jsegwi x-xahar li huma marbuta miegħu l-operazzjonijiet tal-ħżin pubbliku. Sabiex jiġi żgurat li l-proċedura ta' rimborż timxi sew, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat kif din l-informazzjoni, li hija meħtieġa għall-kalkolu tal-kosti u l-infiq, għandha tiġi notifikata lill-Kummissjoni.

(15) Skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014, il-kontijiet tal-istokk ta' intervent pubbliku għandhom jippermettu ċ-ċertezza kemm tal-ammont imħallas f'finanzjament tal-Unjoni u tas-sitwazzjoni tal-istokk ta' intervent. Għal dan il-għan, l-aġenziji tal-pagamenti għandhom ikunu meħtieġa jżommu kontijiet tal-istokk u kontijiet finanzjarji separatament, li għandu jkun fihom l-elementi meħtieġa għall-monitoraġġ tal-istokk u għall-iżgurar tal-ġestjoni finanzjarja tal-infiq u tad-dħul iġġenerati permezz tal-miżuri ta' intervent pubbliku.

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

▼B

(16) Skont il-miżuri tal-ħżin ta' intervent pubbliku, l-aġenziji tal-pagamenti huma meħtieġa li jdaħħlu fil-kontijiet tagħhom l-elementi marbuta mal-kwantitajiet, il-valuri u ċerti medji. Madankollu, jeżistu ċirkustanzi li fihom ċerti operazzjonijiet u nfiq ma għandhomx jiddaħħlu fil-kontijiet, jew għandhom jiġu rreġistrati skont regoli speċifiċi. Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali u jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, ċirkostanzi bħal dawn għandhom ikunu speċifikati, inklużi, fejn applikabbli, l-arranġamenti għaddħul tal-operazzjonijiet u l-infiq fil-kontijiet.

(17) Id-data li fiha l-elementi differenti ta' nfiq u dħul li jirriżultaw mill-miżuri ta' intervent ta' ħżin pubbliku għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet tiddependi fuq it-tip ta' operazzjoni jirrelataw magħha u tista' tiġi determinata skont il-leġiżlazzjoni agrikola settorjali applikabbli. F'dan il-kuntest, hemm il-ħtieġa li tiġi adottata regola ġenerali li tispeċifika l-elementi differenti li għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet fid-data li fiha sseħħ l-operazzjoni fiżika li tirriżulta mill-miżura ta' intervent, u tispeċifika l-każijiet speċjali li għandhom jiġu kkunsidrati.

(18) Fl-interess tal-ġestjoni finanzjarja tajba, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bi previżjonijiet tal-ammonti li jridu jiġu ffinanzjati mill-FAEŻR għal sena finanzjarja agrikola u stimi tat-talbiet għas-sena finanzjarja ta' wara. Dik l-informazzjoni għandha tinbagħat lill-Kummissjoni fi żmien suffiċjenti biex din tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha, u darbtejn fis-sena f'kull eventwalità, mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar u l-31 ta' Awwissu ta' kull sena.

(19) Skont l-Artikolu 36(6) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandhom jiġu stipulati l-iskadenzi għat-tfassil tad-dikjarazzjonijiet tal-infiq dwar l-operazzjonijiet li jaqgħu taħt il-FAEŻR. Fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tar-regoli tal-kontabbiltà li japplikaw għall-FAEŻR, l-użu ta' prefinanzjament u l-finanzjament tal-miżuri għal kull sena kalendarja, għandha ssir dispożizzjoni għal dik in-nefqa li għandha tiġi ddikjarata f'intervalli adattati għal dawn il-kundizzjonijiet speċifiċi.

(20) L-iskambji tal-informazzjoni u d-dokumenti bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, kif ukoll it-tpoġġija d-dispożizzjoni u n-notifika ta' informazzjoni mill- Istati Membri lill-Kummissjoni ġeneralment isiru b'mod elettroniku. Sabiex jittejjeb il-mod kif skambji ta' informazzjoni bħal din, b'rabta mal-Fondi, jiġu ttrattati u sabiex l-użu tagħhom jiġi estiż, twaqqfu sistemi ta' informatika skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2006. Dawn is-sistemi għandhom jibqgħu jintużaw u jkomplu jiġu implimentati wara li l-Istati Membri jiġu infurmati permezz tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli.

(21) Il-kundizzjonijiet li skonthom tiġi pproċessata l-informazzjoni permezz ta' dawk is-sistemi tal-informatika, kif ukoll il-format u l-kontenut tad-dokumenti li jridu jiġu kkomunikati skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandhom jiġu aġġustati spiss f'konformità ma' tibdiliet fir-regolamenti applikabbli jew fil-ħtiġijiet tal-ġestjoni. Għandhom jiġu stabbiliti wkoll regoli uniformi dwar id-dokumenti relevanti li għandhom jintbagħtu mill-Istati Membri. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet u biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jkun żgurat li s-sistemi tal-informatika kkonċernati jitħaddmu malajr, għandhom ikunu stabbiliti l-format u l-kontenut tad-dokumenti abbażi ta' mudelli u protokolli standardizzati, li għandhom ikunu adattati u aġġornati mill-Kummissjoni wara li tinforma lill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli.

▼B

(22) Skont l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-Istati Membri, permezz tal-aġenziji tal-pagamenti tagħhom, huma responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tal-infiq tal-Fondi. Għaldaqstant id-dejta dwar l-operazzjonijiet finanzjarji għandha tiġi kkomunikata jew imdaħħla fis-sistemi tal-informatika u aġġornata taħt ir-responsabbiltà tal-aġenziji tal-pagamenti, mill-istess aġenziji tal-pagamenti jew mill-korpi li lilhom tkun ġiet iddelegata din il-funzjoni, permezz tal-korp ta' koordinazzjoni akkreditat, fejn huwa applikabbli.

(23) Ċerti dokumenti jew dikjarazzjonijiet, stipulati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jew l-atti tal-Kummissjoni adottati għall-fini ta' dak l-Artikolu jirrikjedu l-firma ta' persuna awtorizzata jew l-approvazzjoni ta' persuna fi stadju wieħed jew aktar tal-proċedura kkonċernata. F'każijiet bħal dawn, is-sistemi tal-informatika stabbiliti għall-komunikazzjoni ta' dawk id-dokumenti għandhom jippermettu li tkun identifikata kull persuna b'mod mhux ambigwu u jipprovdu garanzija raġonevoli li l-kontenut tad-dokumenti, inklużi l-istadji tal-proċedura, ma jistax jinbidel. B'mod partikolari, dan għandu japplika fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-infiq u d-dikjarazzjoni tal-ġestjoni meħmużin mal-kontijiet annwali li hemm referenza għalihom fil-punt (c)(iii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, u d-dokumenti kkomunikati b'mod elettroniku skont dawn il-proċeduri.

(24) Skont il-punt (e) tal-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-Istati Membri, permezz tal-aġenziji tal-pagamenti tagħhom huma responsabbli għall-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti flimkien mal-imgħax. Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa u effettiva ta' dawk id-dispożizzjonijiet, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli armonizzati fir-rigward tal-interess applikabbli għall-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-obbligu tal-Istati Membri li jirkupraw l-ammonti mhux dovuti jista' jitwettaq b'modi differenti. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe azzjoni oħra ta' infurzar stipulata fil-liġi nazzjonali, mezz ieħor ta' rkupru effettiv u kosteffiċenti tad-dejn, huwa li jitnaqqsu kwalunkwe ammonti dovuti minn pagamenti futuri lid-debitur, ladarba d-dejn ikun ġie stabbilit skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Għaldaqstant l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati japplikaw dak il-metodu ta' rkupru tad-dejn u għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għall-applikazzjoni ta' dan il-metodu.

(25) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dettaljati kemm għall-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet stipulata fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 kif ukoll għall-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità stipulata fl-Artikolu 52 ta' dak ir-Regolament, inkluż mekkaniżmu li permezz tiegħu l-ammonti li jirriżultaw, skont kif ikun il-każ, jitnaqqsu minn wieħed mill-pagamenti sussegwenti magħmula mill-Kummissjoni lill-Istati Membri jew jiżdiedu miegħu.

(26) Fir-rigward tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet stipulata fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat il-kontenut tal-kontijiet annwali tal-aġenziji tal-pagamenti u li tiġi stabbilita data għat-trażmissjoni lill-Kummissjoni ta' dawk il-kontijiet u ta' dokumenti relevanti oħrajn. Għandu jiġi ċċarat ukoll il-perjodu li matulu l-aġenziji tal-pagamenti jridu jżommu d-dokumenti ta' sostenn dwar

▼B

l-infiq u d-dħul assenjat kollu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi speċifikat li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-format u l-kontenut tal-informazzjoni dwar il-kontabbiltà li għandhom jippreżentaw l-aġenziji tal-pagamenti.

(27) Sabiex ikun żgurat li f'każijiet normali l-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità tiġi konkluża f'perjodu ta' żmien raġonevoli, huwa xieraq li jiġu stabbiliti perjodi ta' żmien speċifiċi għall-istadji differenti tal-proċedura, li għandhom jiġu rrispettati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Fl-istess ħin, madankollu, għandu jkun possibbli li, fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni testendi dawk il-perjodi taż-żmien fid-dawl tal-kumplessità ta' każ li jkun qiegħed jiġi investigat. Il-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità għandha tagħti d-dritt lill-Istati Membri għal proċedimenti kontradittorji u biex jivvalutaw kif xieraq l-informazzjoni meħtieġa għall-evalwazzjoni tar-riskju tal-Fond.

(28) Skont l-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw livell minimu ta' verifika fuq il-post meħtieġ għal ġestjoni effettiva tar-riskju. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu, taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess, inaqqsu l-livell minimu ta' dawk il-verifiki fuq il-post meta s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ikunu nstabu li jiffunzjonaw kif xieraq u r-rati ta' żball jibqgħu f'livell aċċettabbli. Filwaqt li l-livelli minimi meħtieġa ta' verifiki fuq il-post għandhom jiġu stipulati fil-leġiżlazzjoni agrikola settorjali, għandhom jiġu stabbiliti regoli orizzontali rigward il-possibilità li jitnaqqas il-livell minimu ta' verifiki fuq il-post, applikabbli għall-miżuri kollha ffinanzjati mill-Fondi, u l-kundizzjonijiet applikabbli. Barra minn dawn ir-regoli orizzontali, il-leġiżlazzjoni agrikola settorjali tista' tistipula regoli oħrajn.

(29) Huwa xieraq ukoll li jiġu stabbiliti regoli dwar il-prestazzjoni tal-Istati Membri tal-iskrutinju ta' tranżazzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, b'mod partikolari l-għażla tal-impriżi, ir-rata u l-kalendarju għall-iskrutinju.

(30) Skont il-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 dwar l-iskrutinju ta' tranżazzjonijiet, l-Istati Membri jridu jibagħtu numru ta' komunikazzjonijiet lill-Kummissjoni. Peress li l-istandardizzazzjoni tal-format u l-kontenut ta' komunikazzjonijiet bħal dawn tiffaċilita l-użu tagħhom u taċċerta approċċ ta' uniformità, huwa xieraq li jiġu addottati regoli dettaljati dwar il-format u l-kontenut tagħhom. Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar il-konservazzjoni ta' dokumenti kummerċjali, dwar azzjonijiet konġunti li jinvolvu assistenza reċiproka kif hemm referenza fl-Artikolu 83 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, kif ukoll dwar dipartimenti speċjali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 85 ta' dak ir-Regolament.

(31) Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014 jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw il-qafas legali dwar il-garanziji, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li tiġi ddepożitata garanzija, il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-garanziji, kif ukoll regoli dwar id-depożitu, ir-rilaxx u l-konfiska ta' garanzija. Għall-assigurazzjoni tal-applikazzjoni uniformi ta' dawk ir-regoli, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar il-format u l-proċeduri għad-depożitu u r-rilaxx ta' garanzija, kif ukoll dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-komunikazzjonijiet meħtieġa f'dak ir-rigward.

▼B

(32) Skont il-Kapitolu IV tat-Titolu VII tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 dwar it-trasparenza, l-Istati Membri huma meħtieġa jippublikaw kull sena l-benefiċjarji tal-Fondi, u, *inter alia*, l-ammonti li kull benefiċjarju rċieva skont kull wieħed minn dawk il-Fondi. Għal dan il-għan u skont l-Artikolu 111 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandu jiġi stabbilit il-format ta' dik il-pubblikazzjoni. Dik il-pubblikazzjoni ma għandhiex tmur lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tat-trasparenza segwiti.

(33) Il-pubblikazzjoni għandha tkun skont l-informazzjoni fil-pussess tal-aġenziji tal-pagamenti fil-kotba u fir-reġistri tagħhom u għandha tikkonċerna l-pagamenti li jkunu daħlu fis-sena finanzjarja ta' qabel. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-pubbliku b'mod ċar, armonizzat u b'mod li jkun jista' jsir tiftix dwarha sal-31 ta' Mejju.

(34) Skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 111(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-ammonti ta' pagamenti li jikkorrispondu ma' kull miżura ffinanzjata mill-Fondi riċevuti minn benefiċjarju għandhom jiġu ppubblikati. Madankollu, sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 112 ta' dak ir-Regolament, huwa meħtieġ ukoll li jiġu stipulati limiti stabbiliti li taħthom ma jiġux ippublikati l-ismijiet tal-benefiċjarji.

(35) Skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 111(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-pubblikazzjoni tal-benefiċjarji tal-Fondi hija meħtieġa biex tkun identifikata l-muniċipalità fejn benefiċjarju huwa residenti jew irreġistrat. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli wkoll fir-rigward ta' benefiċjarji li huma persuni fiżiċi u li l-ismijiet tagħhom ma għandhomx jiġu ppubblikati skont l-Artikolu 112 ta' dak ir-Regolament. Madankollu, jekk, minħabba n-numru limitat ta' benefiċjarji li huma residenti jew irreġistrati f'muniċipalità partikolari, il-pubblikazzjoni tal-muniċipalità jkollha s-saħħa li tidentifika benefiċjarju li huwa persuna fiżika, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet sabiex jiġi evitat ksur tal-privatezza sproporzjonat u bla bżonn.

(36) Il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni għandha tkun implimentata permezz tal-Internet fil-format ta' għodda ta' tiftix li tiżgura li l-pubbliku ġenerali jkun f'pożizzjoni li jikkonsultaha. L-għodda ta' tiftix għandha tippermetti t-tiftix abbażi ta' ċerti kriterji u r-riżultati tat-tiftix għandhom jiġu ppreżentati b'mod li jkun aċċessibbli faċilment.

(37) Għall-konformità mar-rekwiżiti applikabbli għall-protezzjoni tad-dejta, il-benefiċjarji tal-Fondi għandhom ikunu infurmati dwar il-pubblikazzjoni tad-dejta tagħhom qabel ma ma tiġi ppubblikata. L-informazzjoni għandha tingħata lill-benefiċjarji permezz tal-formoli tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew meta tingħabar id-dejta. Fir-rigward tal-infiq li seħħ fis-snin finanzjarji 2014 u 2015, sakemm l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji ma tkunx disponibbli fil-ħin tal-ġbir tad-dejta personali, il-benefiċjarji għandhom xorta jiġu informati f'perjodu ta' żmien raġonevoli qabel il-pubblikazzjoni filfatt isseħħ.

▼B

(38) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess pubbliku għad-dejta ppubblikata, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu websajts li jkun fihom informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-Fondi u l-limiti stabbiliti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Fid-dawl tad-diversi strutturi organizzattivi fi ħdan l-Istati Membri, huma għandhom jiddeterminaw liema korp huwa responsabbli għall-istabbiliment u ż-żamma tal-websajt unika u għall-pubblikazzjoni tad-dejta. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi websajt li jkun fih links għall-websajts tal-Istati Membri.

(39) L-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament għandu japplika għall-infiq li seħħ u d-dħul assenjat li rċevew l-Istati Membri mis-16 ta' Ottubru 2014 sabiex jipprevedi għall-kontinwità ta' rappurtar matul l-istess sena.

(40) Biex tkun żgurata l-konsistenza fit-trattament tal-konformità kontinwa tal-proċeduri tal-approvazzjoni, il-perjodi taż-żmien kif stipulati fl-Artikolu 34(3) u 34(4) ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal dawk il-proċeduri li għalihom il-komunikazzjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 885/2006 tintbagħat qabel l-1 ta' Jannar 2015.

(41) Peress li l-Kapitolu IV tat-Titolu VII tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 dwar it-trasparenza japplika għal pagamenti magħmula mis-sena finanzjarja 2014 'il quddiem, id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal dawk il-pagamenti.

(42) Sabiex l-Istati Membri ikollhom żmien biżżejjed għall-implimentazzjoni, l-informazzjoni trażmessa skont l-Anness II, il-kolonni V1 u V2, għandha tingħata mill-bidu tas-sena finanzjarja 2016.

(43) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

L-AĠENZIJI TAL-PAGAMENTI U KORPI OHRA

Artikolu 1

Proċedura għall-akkreditazzjoni ta' aġenziji tal-pagamenti

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità fuq livell ministerjali li tkun responsabbli:

(a) għall-ħruġ, ir-reviżjoni u l-irtirar ta' akkreditazzjonijiet ta' aġenziji tal-pagamenti;

(b) it-twettiq ta' kompiti assenjati lill-awtorità kompetenti skont dan il-Kapitolu.

2. L-awtorità kompetenti għandha, permezz ta' att formali, tiddeċiedi dwar il-ħruġ jew, wara r-rieżami, l-irtirar ta' akkreditazzjoni ta' aġenzija tal-pagamenti abbażi ta' eżami tal-kriterji ta' akkreditazzjoni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014 ("il-kriterji tal-akkreditazzjoni"). L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar l-akkreditazzjoni u l-irtirar ta' akkreditazzjonijiet mingħajr telf ta' żmien.

▼B

3. L-awtorità kompetenti għandha taħtar korp ta' awditjar biex iwettaq eżami qabel ma tingħata akkreditazzjoni (l-analiżi ta' qabel l-akkreditazzjoni). Il-korp tal-awditjar għandu jkun awtorità tal-awditjar, jew organizzazzjoni oħra pubblika jew privata jew unità organizzattiva ta' awtorità bil-kompetenzi, il-ħiliet u l-kapaċità meħtieġa biex jitwettaq l-eżerċizzju tal-awditjar. Il-korp tal-awditjar għandu jkun indipendenti mill-aġenzija tal-pagamenti li qed tiġi akkreditata.

L-eżami (l-analiżi ta' qabel l-akkreditazzjoni) li għandu jitwettaq mill-korp tal-awditjar għandu jkopri b'mod partikolari:

(a) il-proċeduri u s-sistemi fis-seħħ għall-awtorizzazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' pagamenti;

(b) id-diviżjoni tad-dmirijiet u l-adegwatezza ta' kontroll intern u estern, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR), li minn hawn 'il quddiem jissemmew bħala "l-Fondi";

(c) sa liema punt il-proċeduri u s-sistemi li qegħdin fis-seħħ huma adattati biex jissalvagwardjaw il-baġit tal-Unjoni inkluži miżuri kontra l-frodi bbażati fuq ir-riskji,

(d) is-sigurtà ta' sistemi ta' informazzjoni;

(e) iż-żamma ta' rekords kontabilistiċi.

Il-korp tal-awditjar għandu jħejji rapport li jagħti dettalji tax-xogħol tal-awditjar imwettaq, ir-riżultati ta' dak ix-xogħol u l-valutazzjoni tiegħu dwar jekk l-aġenzija tal-pagamenti tikkonformax mal-kriterji tal-akkreditazzjoni. Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-awtorità kompetenti li mbagħad għandha toħroġ l-att tal-akkreditazzjoni jekk tkun sodisfatta li l-aġenzija tal-pagamenti tikkonforma mal-kriterji ta' akkreditazzjoni.

4. Jekk l-awtorità kompetenti jidhrilha li l-aġenzija tal-pagamenti mhijiex konformi mal-kriterji tal-akkreditazzjoni, hija għandha tinforma lill-aġenzija tal-pagamenti bil-kundizzjonijiet speċifiċi li hija teħtieġ tissodisfa qabel ma tkun tista' tingħata l-akkreditazzjoni.

Sakemm tiġi implimentata kwalunkwe bidla meħtieġa, sabiex jiġu ssodisfati kundizzjonijiet speċifiċi, l-akkreditazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju għal perjodu li għandu jiġi ddeterminat billi titqies il-gravità tal-problemi identifikati, li m'għandux jeċċedi t-12-il xahar. F'każijiet debitament iġġustifikati, il-Kummissjoni, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, tista' tagħti estensjoni ta' dak il-perjodu.

5. L-informazzjoni, stipulata fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandha tiġi kkomunikata minnufih wara li l-aġenzija tal-pagamenti tiġi akkreditata għall-ewwel darba u, fi kwalunkwe każ, qabel ma kull infiq li tkun għamlet jiġi ċċarġjat lill-Fondi. Dik l-informazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjonijiet u dokumenti li jikkonċernaw:

(a) ir-responsabbiltajiet mogħtija lill-aġenzija tal-pagamenti;

(b) l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn id-dipartimenti tal-aġenzija tal-pagamenti;

(c) ir-relazzjoni tal-aġenzija tal-pagamenti ma' korpi oħra, pubbliċi jew privati, li huma responsabbli għall-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura li skontha l-aġenzija tal-pagamenti tiċċarġja l-infiq lill-Fondi;

▼B

(d) il-proċeduri li skonthom jaslu, jiġu vverifikati u vvalidati l-pretensjonijiet mill-benefiċjarji, u li skonthom jiġi awtorizzat, imħallas u konfermat l-infiq;

(e) id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni;

(f) ir-rapport tal-analiżi ta' qabel l-akkreditazzjoni mwettqa mill-korp tal-awditjar li hemm referenza għalih fil-paragrafu 3.

6. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli bl-aġenziji tal-pagamenti akkreditati f'kull Stat Membru.

Artikolu 2

Analiżi tal-akkreditazzjoni

1. L-awtorità kompetenti għandha żżomm l-aġenziji tal-pagamenti responsabbli minhom taħt superviżjoni kostanti, b'mod partikolari, abbażi taċ-ċertifikati u r-rapporti mħejjija mill-korp ta' ċertifikazzjoni li hemm referenza għalih fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, u għandha ssegwi kull nuqqas identifikat.

Kull tliet snin, l-awtorità kompetenti għandha tirrapporta bil-miktub lill-Kummissjoni dwar is-superviżjoni tal-aġenziji tal-pagamenti u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tagħhom. Ir-rapport għandu jinkludi analiżi tal-konformità kontinwa tal-aġenziji tal-pagamenti mal-kriterji tal-akkreditazzjoni, flimkien ma' sommarju tal-azzjonijiet meħuda biex jissemmew in-nuqqasijiet. L-awtorità kompetenti għandha tikkonferma jekk l-aġenzija tal-pagamenti taħt ir-responsabbiltà tagħha, baqgħtex tikkonforma mal-kriterji ta' akkreditazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema li tiżgura li kull informazzjoni li tissuġġerixxi li aġenzija tal-pagamenti mhijiex konformi mal-kriterji tal-akkreditazzjoni tiġi kkomunikata lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

3. Meta l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet li aġenzija tal-pagamenti akkreditata ma għadhiex tirrispetta wieħed jew aktar mill-kriterji tal-akkreditazzjoni b'mod li tista' tostakola t-twettiq tal-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014, l-awtorità kompetenti għandha tqiegħed l-akkreditazzjoni tal-aġenzija tal-pagamenti taħt prova mingħajr dewmien. Hija għandha tfassal pjan li jinkludi l-azzjonijiet u l-iskadenzi biex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet misjuba f'perjodu li għandu jiġi ddeterminat skont is-severità tal-problema, li ma għandux jaqbeż 12-il xahar mid-data li fiha l-akkreditazzjoni tkun tqiegħdet taħt prova. F'każijiet debitament iġġustifikati, il-Kummissjoni, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, tista' tagħti estensjoni ta' dak il-perjodu.

4. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li tqiegħed l-akkreditazzjoni tal-aġenzija tal-pagamenti taħt prova, bi pjan imħejji skont il-paragrafu 3 u, sussegwentement, bil-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet.

5. Jekk l-akkreditazzjoni tiġi rtirata, l-awtorità kompetenti, mingħajr dewmien, għandha takkredita aġenzija tal-pagamenti oħra li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 biex tkun żgura li l-pagamenti tal-benefiċjarji ma jiġux interrotti.

▼B

6. Fejn il-Kummissjoni ssib li l-awtorità kompetenti ma kinitx konformi mal-obbligu tagħha li tħejji pjan rimedjali skont il-paragrafu 3 jew li l-aġenzija tal-pagamenti għadha akkreditata mingħajr ma implimentat b'mod sħiħ tali pjan fil-perjodu determinat, hija għandha titlob lill-awtorità kompetenti biex tirtira l-akkreditazzjoni ta' dik l-aġenzija tal-pagamenti sakemm ma jseħħux it-tibdiliet meħtieġa f'perjodu ta' żmien li għandu jkun determinat mill-Kummissjoni skont is-severità tal-problema. F'sitwazzjoni bħal din, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ssegwi n-nuqqasijiet permezz tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 3

Dikjarazzjoni tal-ġestjoni

1. Id-dikjarazzjoni tal-ġestjoni li hemm referenza għaliha fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandha titfassal fi żmien biżżejjed biex il-korp taċ-ċertifikazzjoni joħroġ l-opinjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament.

Id-dikjarazzjoni tal-ġestjoni għandha tkun fil-formula stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u tista' tkun ikkwalifikata b'riservi li jikkwantifikaw l-impatt finanzjarju potenzjali. F'każ li jiġu espressi riżervi, id-dikjarazzjoni għandha tinkludi pjan ta' azzjoni ta' rimedju u skeda preċiża ta' żmien għall-implimentazzjoni tiegħu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-ġestjoni għandha tkun ibbażata fuq superviżjoni effettiva tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll fis-seħħ tul is-sena kollha.

Artikolu 4

Il-korp ta' koordinazzjoni

1. Il-korp ta' koordinazzjoni li hemm referenza għalih fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandu jaġixxi bħala l-uniku interlokutur tal-Kummissjoni għall-Istat Membru kkonċernat għall-kwistjonijiet kollha marbuta mal-Fondi fir-rigward ta':

(a) id-distribuzzjoni tal-informazzjoni u l-linji ta' gwida b'rabta mal-funzjonament u l-operat tal-aġenziji tal-pagamenti lil dawk l-aġenziji tal-pagamenti u lill-korpi responsabbli mill-implimentazzjoni ta' linji ta' gwida bħal dawn, kif ukoll il-promozzjoni tal-applikazzjoni armonizzata tagħhom;

(b) il-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikoli 7 u 102 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013;

(c) id-disponibbiltà lill-Kummissjoni ta' reġistrazzjoni sħiħa tal-informazzjoni kollha dwar il-kontabbiltà meħtieġa għal għanijiet ta' statistika u ta' kontroll.

2. Aġenzija tal-pagamenti tista' taġixxi bħala korp ta' koordinazzjoni sakemm iż-żewġ funzjonijiet jinżammu separati.

▼B

3. Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, il-korp ta' koordinazzjoni, f'konformità mal-proċeduri nazzjonali, jista' jitlob korpi jew dipartimenti amministrattivi oħra, b'mod partikolari dawk b'għarfien espert tekniku jew dwar il-kontabbiltà.

4. Il-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tad-dejta kollha talkompjuter miżmuma mill-korp ta' koordinazzjoni għandhom jiġu assikurati permezz ta' miżuri adattati għall-istruttura amministrattiva, għallistaff u għall-ambjent teknoloġiku ta' kull korp ta' koordinazzjoni. L-isforz finanzjarju u teknoloġiku għandu jkun proporzjonat għar-riskji effettivi ffaċċjati.

5. Il-komunikazzjonijiet stipulati fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandhom isiru minnufih wara li l-korp ta' koordinazzjoni jiġi akkreditat għall-ewwel darba u, fi kwalunkwe każ, qabel ma kull infiq li jkun responsabbli għalih jiġi ċċarġjat lill-Fondi. Dawn għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokument ta' akkreditazzjoni tal-korp kif ukoll minn informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet amministrattivi, tal-kontabbiltà u talkontroll intern relatati mal-operat tiegħu.

Artikolu 5

Ċertifikazzjoni

1. L-awtorità kompetenti għandha taħtar il-korp ta' ċertifikazzjoni stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

2. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jorganizza l-ħidma tiegħu b'mod effettiv u effiċjenti, u jwettaq il-kontrolli tiegħu fi żmien xieraq, filwaqt li jqis in-natura u t-twaqqit tat-tranżazzjonijiet għas-sena finanzjarja kkonċernata.

3. L-opinjoni li għandha tingħata mill-korp taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (ue) Nru 1306/2013 għandha titħejja darba f'sena.

L-opinjoni għandha tkun ibbażata fuq ix-xogħol tal-awditjar li għandu jitwettaq skont l-Artikoli 6 u 7 ta' dan ir-Regolament.

4. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jħejji rapport dwar is-sejbiet tiegħu. Ir-rapport għandu jkopri l-funzjonijiet delegati. Ir-rapport għandu jgħid jekk, għall-perjodu kopert mir-rapport:

(a) l-aġenzija tal-pagamenti kkonformatx mal-kriterji tal-akkreditazzjoni;

(b) il-proċeduri tal-aġenzija tal-pagamenti humiex tali li jagħtu assigurazzjoni raġonevoli li l-infiq iċċarġjat lill-Fondi sar skont ir-regoli tal-Unjoni, u għaldaqstant jaċċertaw li t-tranżazzjonijiet sottostanti kienu legali u regolari, u li jekk saru rakkomandazzjonijiet għal titjib, dawn ġew segwiti;

(c) il-kontabbiltà annwali li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament inżammitx skont il-kotba u r-rekords tal-aġenzija tal-pagamenti;

▼B

(d) id-dikjarazzjonijiet tal-infiq u tal-operazzjonijiet ta' intervent humiex rekord materjalment veritier, sħiħ u preċiż tal-operazzjonijiet iċċarġjati lill-Fondi;

(e) l-interessi finanzjarji tal-Unjoni tħarsux kif xieraq fir-rigward tal-avvanzi mħallsa, il-garanziji miksuba, l-istokkijiet ta' intervent u l-ammonti li għandhom jingħabru.

Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-għadd u l-kwalifiki tal-istaff li jagħmel l-awditjar, ix-xogħol li jkun sar, l-għadd ta' tranżazzjonijiet eżaminati, il-livell miksub ta' materjalità u ta' kunfidenza, kwalunkwe nuqqas misjub u rakkomandazzjonijiet għal titjib li saru u l-operazzjonijiet kemm tal-korp ta' ċertifikazzjoni kif ukoll ta' korpi oħra ta' awditjar, interni u esterni għall-aġenzija tal-pagamenti, li minnhom inkisbet l-assigurazzjoni kollha jew parti minnha tal-korp ta' ċertifikazzjoni dwar il-kwistjonijiet irrapportati

Artikolu 6

Prinċipji tal-awditjar

1. L-awditjar taċ-ċertifikazzjoni għandu jitwettaq skont standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment.

2. Il-korp ta' ċertifikazzjoni għandu jħejji strateġija ta' awditjar li tistabbilixxi l-ambitu, iż-żmien u d-direzzjoni tal-awditjar ta' ċertifikazzjoni, tal-metodi tal-awditjar u l-metodoloġija tat-teħid ta' kampjuni. Għandu jiġu żviluppat pjan ta' awditjar għal kull sena finanzjarja awditjata abbażi tal-istima tar-riskju tal-awditu. Jekk ikun mitlub, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jagħti l-istrateġija tal-awditjar u l-pjan tal-awditjar lill-Kummissjoni.

3. Il-livell raġonevoli tal-assigurazzjoni tal-awditu li għandu jinkiseb mill-ittestjar tal-awditu għandu joħroġ mill-valutazzjoni tas-sistema ta' kontroll, inkluż l-ittestjar ta' konformità u l-ittestjar sostantiv tal-infiq, magħmul minn test tad-dettalji u l-proċeduri analitiċi.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida li jkun fihom, b'mod partikolari:

(a) aktar kjarifika u gwida rigward l-awditjar ta'ċ-ċertifikazzjoni li għandu jitwettaq;

(b) id-determinazzjoni ta' livell raġonevoli tal-assigurazzjoni tal-awditu li għandu jinkiseb mill-ittestjar tal-awditu.

Artikolu 7

Metodi tal-awditjar

1. Il-metodi tal-awditjar relevanti għall-awditu ta' ċertifikazzjoni għandhom jiġu definiti fl-istrateġija tal-awditu stipulata fl-Artikolu 6(2).

2. Biex jintlaħqu l-għanijiet tal-awditjar u biex tingħata l-opinjoni kif stipulat fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-passi tal-awditu għandhom jinkludu awditjar tas-sistemi, ittestjar sostantiv, u l-verifika ta' rikonċiljazzjonijiet dwar dikjarazzjonijiet finanzjarji u tal-ġestjoni.

▼B

3. L-ittestjar sostantiv tal-infiq għandu jkopri l-verifika tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti fil-livell tal-benefiċjarji finali. Għal dawk il-finijiet, il-korp taċ-ċertifikazzjoni jista' jakkumpanja lill-aġenzija tal-pagamenti meta din tkun qed twettaq il-kontrolli fuq il-post fil-livell sekondarju. Il-korp ta' ċertifikazzjoni ma jistax jakkumpanja lill-aġenzija tal-pagamenti meta din tkun qed twettaq il-kontrolli inizjali fuq il-post, bl-eċċezzjoni ta' dawk is-sitwazzjonijiet fejn ikun fiżikament impossibbli li ssir verifika mill-ġdid tal-kontroll inizjali mwettaq mill-aġenzija tal-pagamenti. Fir-rigward tal-ittestjar sostantiv, il-korpi ta' ċertifikazzjoni jistgħu jużaw approċċ integrat tal-kampjuni.

4. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi aktar kundizzjonijiet u gwida dwar it-tfassil tal-proċeduri tal-awditjar, l-integrazzjoni tat-teħid ta' kampjuni, l-ippjanar u t-twettiq tal-verifika mill-ġdid fuq il-post tat-tranżazzjonijiet permezz tal-linji gwida kif hemm referenza fl-Artikolu 6(4).

KAPITOLU II

IL-ĠESTJONI FINANZJARJA TAL-FONDI

TAQSIMA 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 8

Il-kontabbiltà tal-aġenziji tal-pagamenti

1. Kull aġenzija tal-pagamenti għandha żżomm sett ta' kontijiet li jkopru biss l-infiq u d-dħul li hemm referenza għalih fl-Artikolu 4(1), fl-Artikol 5 u fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-użu tal-fondi disponibbli għalih biex jitħallas l-infiq li jikkorrispondi. Dawk il-kontijiet għandhom jippermettu li d-dejta finanzjarja tal-FAEG u l-FAEŻR tkun distinta u mogħtija separatament.

2. L-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri li mhumiex parti miż-żona euro għandhom iżommu kontijiet li jkopru l-ammonti espressi fil-munita li biha tħallas l-infiq jew inġabar id-dħul. Madankollu, biex ikun possibbli li l-infiq u d-dħul kollu tagħhom ikun ikkonsolidat, huma għandhom ikunu f'pożizzjoni li jagħtu d-dejta korrispondenti fil-munita nazzjonali u f'euro.

3. Fir-rigward tal-FAEŻR, kull aġenzija tal-pagamenti maħtura għal programm għall-iżvilupp rurali għandu jkollha kontijiet li jippermettu l-operazzjonijiet kollha għal kull programm u għal kull miżura identifikata. Dawn il-kontijiet jinkludu b'mod partikolari:

(a) l-ammont tal-infiq pubbliku u l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mħallsa għal kull operazzjoni;

(b) l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati minn benefiċjarji minħabba irregolaritajiet jew in-negliġenza misjuba;

(c) l-ammonti rkuprati, b'indikazzjoni tal-operazzjoni oriġinali.

▼B

TAQSIMA 2

Kontijiet tal-FAEG

Artikolu 9

Dispożizzjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri

L-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni informazzjoni dwar s-somma totali tan-nefqa mħallsa u tad-dħul assenjat miġbur kull ġimgħa kif ġej:

(a) mhux aktar tard mit-tielet jum ta' xogħol ta' kull ġimgħa, l-informazzjoni dwar is-somma totali tan-nefqa mħallsa u tad-dħul assenjat miġbur mill-bidu tax-xahar sat-tmiem tal-ġimgħa preċedenti;

(b) mhux aktar tard mit-tielet jum ta' xogħol ta' kull xahar, meta l-ġimgħa tkun mifruxa fuq xahrejn, l-informazzjoni dwar is-somma totali tan-nefqa mħallsa u d-dħul assenjat miġbur matul ix-xahar preċedenti.

Artikolu 10

Komunikazzjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri

1. Skont il-punti (c)(i) u (ii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni, permezz ta' mezzi elettroniċi, l-informazzjoni u d-dokumenti li ġejjin, soġġetti għall-Artikoli 11 u 12 ta' dan ir-Regolament:

(a) mhux aktar tard mit-tielet jum ta' xogħol ta' kull xahar, l-informazzjoni dwar is-somma totali tan-nefqa mħallsa u tad-dħul assenjat miġbur matul ix-xahar preċedenti, abbażi tal-mudell li l-Kummissjoni għamlet disponibbli għall-Istati Membri permezz ta' sistemi ta' informazzjoni, u kull informazzjoni li tispjega d-differenzi notevoli bejn l-istimi msejsa skont il-paragrafu 2(a)(iii), ta' dan l-Artikolu u l-infiq li seħħ u d-dħul assenjat miġbur;

(b) mhux aktar tard mit-tnax-il jum ta' kull xahar, id-dikjarazzjoni tal-infiq li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Madankollu, il-komunikazzjoni dwar in-nefqa li tkun saret u d-dħul assenjat miġbur bejn l-1 u l-15 ta' Ottubru għandha tintbagħat sas-27 ta' Ottubru.

2. Id-dikjarazzjoni ta' nfiq li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1(b) għandha tikkonsisti:

(a) f'dikjarazzjoni, imfassla minn kull aġenzija tal-pagamenti abbażi tal-mudell li l-Kummissjoni għamlet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri permezz ta' sistemi ta' informazzjoni, imqassma skont in-nomenklatura tal-baġit tal-Unjoni u t-tip ta' nfiq u dħul, abbażi ta' nomenklatura dettaljata disponibbli lill-Istati Membri u li tkopri:

▼B

(i) l-infiq imħallas u d-dħul assenjat miġbur matul ix-xahar preċedenti,

(ii) it-total tal-infiq imħallas u tad-dħul assenjat mill-bidu tas-sena finanzjarja sat-tmiem tax-xahar preċedenti,

(iii) l-istimi tal-infiq u tad-dħul assenjat, li jkopru, kif xieraq:

— fuq ix-xahar attwali u x-xahrejn ta' wara biss,

— ix-xahar attwali, ix-xahrejn ta' wara u sat-tmiem tas-sena finanzjarja;

(iv) dejta oħra, jekk meħtieġa;

(b) sommarju, magħmul mill-Istat Membru kkonċernat abbażi tal-mudell li l-Kummissjoni poġġiet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri permezz tas-sistemi ta' informazzjoni, tad-dejta li hemm referenza għaliha fil-punt (a), għall-aġenziji tal-pagamenti kollha ta' dak l-Istat Membru;

(c) il-kontijiet li juru l-infiq u d-dħul relatati mal-intervent pubbliku, kif hemm referenza fl-Artikolu 19(2).

3. L-informazzjoni finanzjarja kollha mitluba skont dan l-Artikolu għandha tkun komunikata f'euro.

Artikolu 11

Regoli ġenerali applikabbli għad-dikjarazzjoni tal-infiq u d-dħul assenjat

1. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali dwar id-dikjarazzjonijiet tal-infiq u d-dħul relatati mal-ħżin pubbliku li hemm referenza għalih fl-Artikolu 12, l-infiq u d-dħul assenjat iddikjarati mill-aġenziji tal-pagamenti fir-rigward ta' xahar partikolari għandhom jikkorrispondu mal-pagamenti u l-introjti li attwalment saru matul dak ix-xahar.

Dak l-infiq u d-dħul għandu jiddaħħal fil-kontijiet tal-baġit tal-FAEG fir-rigward tas-sena finanzjarja N.

Madankollu:

(a) jista' jiġi ddikjarat biss l-infiq li jista' jitħallas qabel l-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni li tippermetti li jitqies fl-intjier jew parzjalment mill-FAEG:

— fir-rigward tax-xahar li matulu tkun ġiet implimentata d-dispożizzjoni inkwistjoni;

jew

— fir-rigward tax-xahar ta' wara dak tal-implimentazzjoni ta' dik d-dispożizzjoni;

▼B

(b) id-dħul assenjat li l-Istat Membru għandu jagħti lill-Kummissjoni għandu jiġi ddikjarat fir-rigward tax-xahar li matulu jiskadi ż-żmien, stipulat fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, tal-pagament tal-ammonti korrispondenti;

(c) il-korrezzjonijiet deċiżi mill-Kummissjoni skont il-verifika tal-kontijiet u dik tal-konformità, għandha titnaqqas mill-pagamenti ta' kull xahar jew tiżdied magħhom, kif xieraq, u kif hemm referenza fl-Artikolu 33(2) jew fl-Artikolu 34(8) direttament mill-Kummissjoni. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jinkludu l-ammonti li jikkorrispondu ma' dawk il-korrezzjonijiet fid-dikjarazzjoni mfassla għax-xahar li għalih isiru l-korrezzjonijiet.

2. L-infiq u d-dħul assenjat għandhom jitqiesu fid-data li fiha l-kont tal-aġenzija tal-pagament ikun ġie debitat jew kreditat. Madankollu, għal pagamenti, id-data li għandha tiġi kkunsidrata tista' tkun dik li fiha l-aġenzija kkonċernata tkun ħarġet u bagħtet id-dokument tal-ħlas lill-istituzzjoni finanzjarja jew lill-benefiċjarju. Kull aġenzija tal-pagamenti għandha tuża l-istess metodu matul is-sena finanzjarja kollha.

3. L-infiq u d-dħul assenjat iddikjarati skont il-paragrafu 1 jistgħu jinkludu korrezzjonijiet tal-ammonti ddikjarati għax-xhur preċedenti tal-istess sena finanzjarja.

Meta l-korrezzjonijiet tad-dħul assenjat iwasslu, fil-livell tal-aġenzija tal-pagamenti, għad-dikjarazzjoni ta' dħul assenjat negattiv għal linja tal-baġit, il-korrezzjonijiet żejda għandhom jiddaħħlu fix-xahar ta' wara. Dawn għandhom jiġu regolarizzati, kif xieraq, matul il-verifika tal-kontijiet tas-sena konċernata.

4. Ordinijiet ta' ħlas mhux esegwiti kif ukoll pagamenti debitati fil-kont, li wara jerggħu jiġu kreditati, għandhom jiddaħħlu fil-kotba bħala tnaqqis mill-infiq fir-rigward tax-xahar li matulu jkun ġie rraportat lill-aġenzija tal-pagamenti n-nuqqas tal-eżekuzzjoni jew l-annullazzjoni.

5. Meta xi pagamenti dovuti taħt il-FAEG huma aggravati minn talbiet, għandhom jitqiesu li ġew affettwati fit-totalità tagħhom għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1:

(a) fid-data tal-pagament tas-somma dovuta lill-benefiċjarju, jekk it-talba tkun anqas min-nefqa mħallsa;

(b) fid-data tat-tpaċija, jekk in-nefqa tkun anqas mit-talba jew daqsha.

6. Id-dejta kumulattiva relatata mal-infiq u d-dħul assenjat li jista' jiġi ċċarġjat f'sena finanzjarja speċifika, u li trid tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-27 ta' Ottubru, tista' tiġi kkoreġuta biss fil-kontijiet annwali li għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni skont il-punt (c)(iii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

▼B

Artikolu 12

Regoli speċjali dwar id-dikjarazzjonijiet tal-infiq relatat mal-ħżin pubbliku

1. L-operazzjonijiet li jridu jiġu kkunsidrati għat-tfassil tad-dikjarazzjonijiet tal-infiq relatati mal-ħżin pubbliku, għandhom ikunu dawk imdaħħla fi tmiem xahar speċifiku fil-kontijiet tal-aġenzija tal-pagamenti, li jkunu seħħew mill-bidu tas-sena ta' kontabbiltà skont it-tifsira tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014, sa tmiem dak ix-xahar.

2. Dikjarazzjonijiet tal-infiq bħal dawn għandhom jinkludu l-valuri u l-ammonti determinati skont l-Artikoli 17 u 18 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014 ([1]) imdaħħla fil-kontijiet mill-aġenziji tal-pagamenti matul ix-xahar li jsegwi dak li għalih jirreferu l-operazzjonijiet.

Madankollu:

(a) fil-każ ta' operazzjonijiet imwettqa matul ix-xahar ta' Settembru, il-valuri u l-ammonti għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet mill-aġenziji tal-pagamenti sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru;

(b) fil-każ tal-ammonti globali tad-deprezzament li hemm referenza għalihom fil-punt (e) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014, l-ammonti għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet sad-data stabbilita mid-deċiżjoni li tistipulahom.

Artikolu 13

Deċiżjoni tal-pagament tal-Kummissjoni

1. Abbażi tad-dejta mibgħuta skont il-punt (b) tal-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li tagħmel pagamenti ta' kull xahar skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, mingħajr ħsara għall-korrezzjonijiet li jistgħu jsiru permezz ta' deċiżjonijiet sussegwenti skont l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, u bil-kunsiderazzjoni tat-tnaqqis u s-sospensjonijiet deċiżi skont l-Artikolu 41 ta' dak ir-Regolament.

2. Jekk it-total tal-infiq iddikjarat mill-Istati Membri, għas-sena finanzjarja li jmiss, jaqbeż it-tliet kwarti tat-total tal-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja kurrenti, l-impenji bil-quddiem li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 170(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u l-pagamenti ta' kull xahar korrispondenti għandhom jingħataw b'mod proporzjonali mad-dikjarazzjonijiet tal-infiq, sa massimu ta' 75 % tal-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja kurrenti. Il-Kummissjoni għandha tqis il-bilanċ mhux rimborżat lill-Istati Membri f'deċiżjonijiet dwar rimborżi ulterjuri.

Artikolu 14

Id-dispożizzjoni tar-riżorsi għall-Istati Membri

1. Meta tiddeċiedi li tagħmel il-pagamenti ta' kull xahar, il-Kummissjoni għandha tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, fil-qafas tal-approprjazzjonijiet tal-baġit, ir-riżorsi meħtieġa biex ikopru l-infiq li ser

([1]) Ir-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-infiq ta' intervent pubbliku (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

jiġi ffinanzjat mill-FAEG, wara t-tnaqqis tal-ammont tad-dħul assenjat li jikkorrispondi, fil-kont li jinfetaħ minn kull Stat Membru.

Meta l-pagamenti li jridu jiġu effettwati mill-Kummissjoni, wara li jkun tnaqqas id-dħul assenjat, iwasslu għal somma negattiva f'livell ta' Stat Membru, it-tnaqqis żejjed għandu jiġi riportat fix-xhur ta' wara.

2. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni l-isem u n-numru tal-kont li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1, skont il-format impoġġi għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni.

Artikolu 15

Komunikazzjoni skont l-intervent pubbliku

1. L-aġenziji tal-pagamenti għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni:

(a) fuq talba tal-Kummissjoni, id-dokumenti u l-informazzjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 3(7) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014 u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali addizzjonali adottati għall-applikazzjoni u l-ġestjoni tal-miżuri ta' intervent;

(b) sal-jum stipulat fil-punt (b) tal-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament, l-informazzjoni dwar il-ħżin pubbliku, abbażi tal-mudelli li l-Kummissjoni poġġiet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri permezz ta' sistemi ta' informazzjoni.

2. Is-sistemi ta' informazzjoni relevanti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 24 għandhom jintużaw biex jitwettqu n-notifiki u l-iskambji ta' informazzjoni u biex jitħejjew id-dokumenti b'rabta mal-infiq ta' intervent pubbliku.

Artikolu 16

Il-kontenut tal-kontijiet tal-ħżin pubbliku li għandhom jinżammu mill-aġenziji tal-pagamenti

1. Il-kontijiet tal-istokk stipulati fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014 għandhom jinkludu dawn il-kategoriji ta' elementi li ġejjin, murija separatament:

(a) il-kwantitajiet tal-prodotti reġistrati mad-dħul u l-ħruġ mill-ħażna, b'ċaqliq fiżiku jew mingħajru;

(b) il-kwantitajiet użati għad-distribuzzjoni b'xejn lill-persuni l-aktar fil-bżonn taħt il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, u ġġustifikati skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014, b'distinzjoni ta' dawk li huma soġġetti għal trasferiment lil Stat Membru ieħor;

(c) il-kwantitajiet meħudin bħala kampjuni, b'distinzjoni tal-kampjuni meħudin mix-xerrejja;

▼B

(d) il-kwantitajiet li, wara l-verifika b'eżami viżwali fil-kuntest tal-inventarju annwali jew matul l-ispezzjoni wara t-teħid għall-intervent, ma jistgħux jerġgħu jiġu ppakkjati u huma soġġetti għal bejgħ dirett;

(e) il-kwantitajiet nieqsa, għal raġunijiet identifikabbli jew mhux identifikabbli, inklużi dawk li jikkorrispondu mal-limiti ta' tolleranza legali;

(f) il-kwantitajiet li ddeterjoraw;

(g) il-kwantitajiet żejda;

(h) il-kwantitajiet nieqsa li jaqbżu l-limiti ta' tolleranza;

(i) il-kwantitajiet li jkunu daħlu fil-ħżin u nstabu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti u li għalhekk għalihom tkun ġiet rifjutata l-akkwiżizzjoni;

(j) il-kwantitajiet netti maħżuna fl-aħħar ta' kull xahar jew sena ta' kontabbiltà, li jiġu riportati għax-xahar jew is-sena ta' kontabbiltà ta' wara.

2. Il-kontijiet finanzjarji stipulati fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 907/2014 għandhom jinkludu:

(a) il-valur tal-kwantitajiet li hemm referenza għalihom fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, li juri separatament il-valur tal-kwantitajiet mixtrija u tal-kwantitajiet mibjugħa;

(b) il-valur tal-kotba tal-kwantitajiet użati jew meqjusa skont l-arranġamenti tad-distribuzzjoni b'xejn li hemm referenza għalihom fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(c) l-ispejjeż tal-finanzjament li hemm referenza għalihom fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014;

(d) l-infiq fuq operazzjonijiet fiżiċi li hemm referenza għalihom fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014;

(e) l-ammonti li jirriżultaw mid-deprezzament li hemm referenza għalihom fil-punt (e) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014;

(f) l-ammonti miġbura jew irkuprati mill-bejjiegħa, ix-xerrejja u d-depożitanti, minbarra dawk li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament;

(g) l-ammont mill-bejgħ dirett riportat wara l-inventarju annwali jew wara l-verifiki li jseħħu wara li l-prodotti jittieħdu fil-ħżin tal-intervent;

(h) it-telf u d-dħul mat-tneħħija tal-prodotti, bil-kunsiderazzjoni tad-deprezzament kif hemm referenza fil-punt (e) ta' dan il-paragrafu;

▼B

(i) debiti u krediti oħra, b'mod partikolari dawk li jikkorrispondu mal-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu minn (c) sa (g) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(j) il-valur medju fil-kotba, espress bħala kull tunnellata jew kull ettolitru, skont il-każ.

Artikolu 17

Kontabbiltà relatata ma' intervent pubbliku

1. L-elementi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 16 għandhom jiddaħħlu għall-kwantitajiet, il-valuri, l-ammonti u l-medji reġistrati attwalment mill-aġenziji tal-pagamenti jew għall-valuri u l-ammonti kkalkulati abbażi tal-ammonti standard stabbiliti mill-Kummissjoni.

2. Ir-rekords u l-kalkoli li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom ikunu soġġetti għall-applikazzjoni tar-regoli li ġejjin:

(a) l-ispejjeż tat-tneħħija b'rabta mal-kwantitajiet li għalihom ġie rreġistrat telf jew deterjorazzjoni kwantitattiva, skont ir-regoli stabbiliti fl-Annessi VI u VII tar-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014, għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet biss għall-kwantitajiet attwalment mibjugħin jew imneħħija mill-ħżin;

(b) il-kwantitajiet irreġistrati bħala nieqsa mat-trasferiment bejn l-Istati Membri ma għandhomx jitqiesu li ddaħħlu fil-ħżin fl-Istat Membru tad-destinazzjoni u ma għandhomx ikunu koperti mill-ispejjeż tad-dħul standard;

(c) l-ispejjeż standard tad-dħul u tat-tneħħija stabbiliti għat-trasport u t-trasferiment għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet jekk dawk l-ispejjeż ma jiġux kkunsidrati, skont ir-regoli tal-Unjoni, bħala parti integrali mill-ispejjeż tat-trasport;

(d) sakemm ir-regoli speċifiċi tal-Unjoni ma jistipulawx mod ieħor, l-ammonti li jakkumulaw mill-bejgħ tal-prodotti li ddeterjoraw u kull ammont ieħor riċevut f'dan il-kuntest ma għandux jiddaħħal fir-rekords tal-kontijiet tal-FAEG;

(e) kull kwantità żejda rreġistrata għandha tiddaħħal fil-kontijiet bħala ammont negattiv, fil-kwantitajiet nieqsa fis-sitwazzjoni u l-movimenti tal-ħażniet. Dawn il-kwantitajiet għandhom jiġu inklużi meta jiġu determinati l-kwantitajiet li jaqbżu l-limitu ta' tolleranza;

(f) kampjuni oħra barra dawk meħuda mix-xerrejja għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet skont il-punt 2(a) tal-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014.

3. Korrezzjonijiet li jsiru mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-elementi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 16 għas-sena ta' kontabbiltà attwali, għandhom jiġu notifikati lill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli. Dawn jistgħu jiġu notifikati lill-Istati Membri fl-okkażjoni ta' deċiżjoni ta' pagament kull xahar jew, fl-assenza ta' dan, fiż-żmien tad-deċiżjoni dwar l-ikklerjar tal-kontijiet. Dawn għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet mill-aġenziji tal-pagamenti skont it-termini ta' dik id-deċiżjoni.

▼B

Artikolu 18

Dati biex jiddaħħlu l-infiq u d-dħul u l-movimenti tal-prodotti fil-kontijiet għal intervent pubbliku

1. L-entrati varji tal-infiq u tad-dħul għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet fid-data li fiha sseħħ l-operazzjoni fiżika skont il-miżura ta' intervent pubbliku u bl-użu tar-rata tal-kambju kif hemm referenza fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014.

Madankollu, id-dati li ġejjin għandhom japplikaw fil-każijiet stabbiliti hawn taħt:

(a) id-data tal-wasla, fil-każ ta' ammonti riċevuti jew irkuprati, kif hemm referenza fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 16(2) ta' dan ir-Regolament;

(b) id-data tal-ħlas attwali tal-ispejjeż relatati mal-operazzjonijiet fiżiċi, fejn tali spejjeż mhumiex koperti minn ammonti standard.

2. L-elementi varji relatati mal-moviment fiżiku tal-prodotti u l-ġestjoni tal-ħażniet għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet fid-data li fiha sseħħ l-operazzjoni fiżika taħt il-miżura ta' intervent.

Madankollu, id-dati li ġejjin għandhom japplikaw fil-każijiet stabbiliti hawn taħt:

(a) id-data tal-akkwiżizzjoni tal-prodotti mill-aġenzija tal-pagamenti, skont l-Artikolu 31(2) u l-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 ([1]), għal kwantitajiet li jidħlu fi ħżin pubbliku mingħajr xi bidla fil-post tal-ħażna;

(b) rigward kwantitajiet nieqsa jew deterjorati u żejda, id-data tas-sejba tal-fatti fil-każ ta' kwantitajiet nieqsa jew deterjorati u żejda;

(c) id-data tat-tneħħija attwali mill-ħżin, fil-każ ta' bejgħ dirett ta' prodotti li jibqgħu fil-ħżin u ma jistgħux jerġgħu jiġu ppakkjati wara eżami viżwali fil-kuntest tal-inventarju annwali jew matul l-ispezzjoni wara t-teħid tal-intervent,

(d) l-aħħar jum tas-sena ta' kontabbiltà, għal kwalunkwe telf li jaqbeż il-limitu ta' tolleranza li hemm referenza għalih fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014.

Artikolu 19

Ammont iffinanzjat taħt intervent pubbliku

1. L-ammont li għandu jiġi ffinanzjat skont il-miżuri ta' intervent li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014 għandu jiġi determinat abbażi tal-kontijiet imfassla u miżmuma mill-aġenziji tal-pagamenti skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014, u

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku (ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1).

▼B

li għalihom l-entrati varji tan-nefqa u tad-dħul li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament ikunu ġew debitati u kreditati, rispettivament, billi jitqiesu fejn meħtieġ l-ammonti tan-nefqa stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni agrikola settorjali.

2. L-aġenziji tal-pagamenti jew il-korpi ta' koordinament għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni, kull xahar u kull sena, permezz ta' mezzi elettroniċi, abbażi tal-mudelli li l-Kummissjoni poġġiet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri permezz ta' sistemi ta' informazzjoni, l-informazzjoni meħtieġa għall-finanzjament tal-infiq tal-ħżin pubbliku u l-kontijiet li jiġġustifikaw l-infiq u d-dħul relatat mal-ħżin pubbliku f'forma ta' tabella (Tabelli P-STO), sal-jum stipulat fil-punt (b) tal-Artikolu 10(1) u sad-data stipulata fl-Artikolu 30(2).

Artikolu 20

Dikjarazzjonijiet tal-infiq u d-dħul ta' intervent pubbliku

1. Finanzjament tal-FAEG taħt il-miżuri ta' intervent li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 906/2014 għandu jkunu ugwali għall-infiq, ikkalkulat abbażi tal-informazzjoni nnotifikata mill-aġenzija tal-pagamenti, wara t-tnaqqis ta' kull dħul li ġej minn miżuri ta' intervent, ivvalidat minn sistema informatika mwaqqfa mill-Kummissjoni u inkluża mill-aġenzija tal-pagamenti fid-dikjarazzjoni tagħha tan-nefqa mfassla skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament.

2. Somom irkuprati skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u ammonti rċevuti jew irkuprati minn bejjiegħa, xerrejja jew depożitanti, li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 43 ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu dikjarati fil-baġit tal-FAEG taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 10(2) ta' dan ir-Regolament.

TAQSIMA 3

Kontijiet faeżr

Artikolu 21

Il-previżjoni tal-bżonnijiet tal-iffinanzjar

Għal kull programm għall-iżvilupp rurali kif hemm referenza fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], u skont il-punt (c)(ii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, darbtejn fis-sena, mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar u l-31 ta' Awwissu, il-previżjonijiet tagħhom tal-ammonti li jridu jiġu ffinanzjati mill-FAEŻR għas-sena finanzjarja. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jibagħtu stima aġġornata tat-talbiet għall-finanzjament tagħhom għas-sena finanzjarja ta' wara.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

▼B

Dawk il-previżjonijiet u dik l-istima aġġornata għandhom jintbagħtu permezz ta' dejta strutturata bl-użu tas-sistema tal-informatika SFC2014, stipulata fil-Kapitolu I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 184/2014 ([1]).

Artikolu 22

Id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż

1. L-aġenziji tal-pagamenti għandhom jiddikjaraw l-infiq għal kull programm għall-iżvilupp rurali kif hemm referenza fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

Għal kull miżura ta' żvilupp rurali, l-aġenziji tal-pagamenti għandhom jispeċifikaw f'dikjarazzjoni tal-infiq:

(a) l-ammont tan-nefqa pubblika eliġibbli li għaliha l-aġenzija tal-pagamenti fil-fatt ħallset il-kontribuzzjoni korrispondenti tal-FAEŻR matul kull perjodu ta' referenza speċifikat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(b) l-informazzjoni addizzjonali dwar strumenti finanzjarji li hemm referenza għalihom fit-Titolu IV tal-Parti Tnejn tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(c) l-informazzjoni addizzjonali dwar avvanzi mħallsa lil benefiċjarji kif hemm referenza fl-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013;

(d) l-ammont irkuprat matul il-perjodu attwali kif hemm referenza fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Ladarba l-Kummissjoni tkun approvat programm għall-iżvilupp rurali, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni, skont il-punt (c)(i) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, id-dikjarazzjonijiet tal-infiq tagħhom mhux aktar tard mit-termini taż-żmien li ġejjin:

(a) it-30 ta' April fil-każ tal-infiq fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu;

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 184/2014 tal-25 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, it-termini u l-kundizzjonijiet li japplikaw għas-sistema elettronika ta' skambju ta' dejta bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u li jadotta skont ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, in-nomenklatura tal-kategoriji ta' intervent għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali taħt il-mira ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (ĠU L 57, 27.2.2014, p. 7).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

▼B

(b) il-31 ta' Lulju fil-każ tal-infiq fil-perjodu bejn l-1 ta' April u t-30 ta' Ġunju;

(c) l-10 ta' Novembru fil-każ tal-infiq fil-perjodu bejn l-1 ta' Lulju u l-15 ta' Ottubru;

(d) il-31 ta' Jannar fil-każ tal-infiq fil-perjodu bejn is-16 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru.

▼M1

Madankollu, in-nefqa kollha mħallsa mill-aġenziji tal-pagamenti lill-benefiċjarji skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 sa tmiem l-aħħar perjodu, kif speċifikat fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, qabel l-approvazzjoni ta' programm għall-iżvilupp rurali kif hemm referenza fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, issir taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u għandha tiġi ddikjarata lill-Kummissjoni fl-ewwel dikjarazzjoni tan-nefqa wara l-approvazzjoni ta' dak il-programm. L-istess regola għandha tapplika, bit-tibdil meħtieġ, fil-każ ta' emenda ta' programm għall-iżvilupp rurali kif imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, ħlief għall-aġġustamenti tal-pjan ta' finanzjament, kif imsemmi fl-Artikolu 23(2) ta' dan ir-Regolament.

▼B

3. Dikjarazzjonijiet tal-infiq għandhom jiddaħħlu fil-forma ta' dejta strutturata mill-aġenziji tal-pagamenti għal programmi għall-iżvilupp rurali fis-sistema tal-informatika SFC2014, stipulata fil-Kapitolu I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru [IA-CPR].

4. Meta l-Kummissjoni titlob verifiki ulterjuri minħabba l-għoti ta' informazzjoni mhux kompluta jew mhux ċara jew nuqqas ta' qbil, differenzi fl-interpretazzjoni jew kull inkonsistenza b'rabta mad-dikjarazzjoni tal-infiq għal perjodu ta' referenza, li jirriżultaw partikolarment minħabba li l-informazzjoni meħtieġa ma tiġix ikkomunikata skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u u l-attti tal-Kummissjoni adottati skont dak ir-Regolament, jew fid-dawl ta' indikazzjonijiet serji li l-infiq inkluż fid-dikjarazzjoni tal-infiq jista' jkun affetwat minn irregolarità jew li jista' jkun hemm nuqqasijiet fil-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-iżvilupp rurali, l-Istat Membru kkonċernat għandu, fuq talba tal-Kummissjoni, jipprovdi informazzjoni addizzjonali fi żmien perjodu stabbilit f'dik it-talba skont is-serjetà tal-problema.

Il-limitu taż-żmien tal-ħlas stipulat fl-Artikolu 36(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jista' jiġi interrott għall-ammont kollu li jkun is-suġġett tat-talba tal-ħlas, jew għal parti minnu, u jibda jgħodd mid-data tal-komunikazzjoni tat-talba għall-informazzjoni sakemm tasal l-informazzjoni mitluba, iżda mhux iktar tard mill-perjodu massimu stabbilit fl-Artikolu 83(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

Meta Stat Membru kkonċernat jonqos milli jwieġeb għat-talba għal informazzjoni addizzjonali fil-perjodu stipulat f'dik it-talba jew jekk it-tweġiba titqies mhux sodisfaċenti jew tindika nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli, jew jekk il-fondi tal-Unjoni ma jkunux ġew użati b'mod adatt, il-Kummissjoni tista' tissospendi jew tnaqqas il-pagamenti skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

5. L-infiq iddikjarat għal perjodu ta' referenza jista' jinkludi korrezzjoni tad-dejta ddikjarata għall-perjodi ta' dikjarazzjoni preċedenti tal-istess sena finanzjarja.

▼B

Il-korrezzjoni tal-infiq u d-dħul assenjat li għandu jiġi ċċarġjat fuq issena finanzjarja li mhix introdotta fid-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2(a), (b) u (c), tista' tiġi kkoreġuta biss fil-kontijiet annwali li għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni skont il-punt (c)(iii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 23

Il-kalkolu tal-ammont li jrid jitħallas

▼M3

1. Il-kontribut tal-Unjoni li għandu jitħallas fir-rigward tal-infiq pubbliku eleġibbli għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) fir-rigward tal-programmi ta' żvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005: għal kull perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 22(2) ta' dan ir-Regolament abbażi tar-rata ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR għal kull prijorità msemmija fil-pjan ta' finanzjament fis-seħħ fl-ewwel jum tal-istess perjodu;

(b) fir-rigward tal-programmi ta' żvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013: għal kull perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 22(2) ta' dan ir-Regolament abbażi tar-rata ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR għal kull miżura, kull tip ta' operat b'rata ta' kontribuzzjoni speċifika tal-FAEŻR u kull għajnuna teknika msemmija fil-pjan ta' finanzjament fis-seħħ fl-ewwel jum tal-istess perjodu.

Il-kalkolu għandu jqis il-korrezzjonijiet għall-kontribut tal-Unjoni kif iddikjarat fid-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' dak il-perjodu.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għall-programmi ta' żvilupp rurali emendati skont l-Artikolu 70(4c) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, il-kontribut tal-Unjoni għandu jiġi kkalkulat abbażi tar-rata ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR għal kull prijorità msemmija fil-pjan ta' finanzjament fis-seħħ fl-aħħar jum tal-perjodu ta' referenza.

2. Mingħajr ħsara għal-limitu stipulat fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, fejn it-total ikkombinat tal-kontribut tal-Unjoni li għandu jitħallas fil-qafas tal-programm ta' żvilupp rurali jisboq it-total ipprogrammat għal ċerta miżura, fir-rigward tal-programmi ta' żvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, jew ipprogrammat għal ċerta prijorità, fir-rigward tal-programmi ta' żvilupp rurali msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, l-ammont li għandu jitħallas għandu jitnaqqas sal-ammont ipprogrammat għal dik il-miżura jew prijorità. Kull kontribut tal-Unjoni eskluża b'riżultat ta' dan jista' jitħallas aktar 'il quddiem, dejjem jekk l-Istat Membru jkun ressaq pjan ta' finanzjament u dan ikun ġie aċċettat mill-Kummissjoni.

▼B

3. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandu jsir mill-Kummissjoni, suġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi, fil-kont jew fil-kontijiet miftuħa minn kull Stat Membru.

Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni l-isem jew in-numri tal-kont skont il-format li l-Kummissjoni poġġiet għad-dispożizzjoni tiegħu.

▼B

TAQSIMA 4

Dispożizzjonijiet komuni għall-FAEG u għall-FAEŻR

Artikolu 24

L-iskambju elettroniku tal-informazzjoni u d-dokumenti

1. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi s-sistemi tal-informatika li jippermettu skambji elettroniċi ta' dokumenti u informazzjoni, bejnha u bejn l-Istati Membri għall-komunikazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet tal-informazzjoni stipulati mill-Artikolu 102 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-arranġamenti meħtieġa għall-applikazzjoni tagħhom. Għandha tinforma lill-Istati Membri bil-kundizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dawk is-sistemi permezz tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli.

2. Is-sistemi tal-informatika li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, għandhom jipproċessaw partikolarment:

(a) id-dejta meħtieġa għat-tranżazzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari dawk b'rabta mal-kontijiet ta' kull xahar u annwali tal-aġenziji tal-pagamenti, id-dikjarazzjonijiet tal-infiq u tad-dħul u t-trażmissjoni tal-informazzjoni u tad-dokumenti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3, tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014, u fl-Artikoli 10, 11, 14, 15, 19, 20, 23 u 29 ta' dan ir-Regolament;

(b) id-dokumenti ta' interess komuni li jippermettu l-monitoraġġ tal-kontijiet ta' kull xahar u annwali u l-konsultazzjoni tal-informazzjoni u tad-dokumenti li l-aġenzija tal-pagamenti trid tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni;

(c) it-testi tal-Unjoni u l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni mill-awtoritajiet akkreditati u maħtura skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, u l-linji gwida dwar l-applikazzjoni armonizzata tal-leġiżlazzjoni relevanti.

3. Il-forma u l-kontenut tad-dokumenti li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 10, 19, 20, 23 u l-punti (a), (b) u (d) ta' 30(1) għandhom ikunu disponibbli mill-Kummissjoni għall-Istati Membri f'forma ta' mudelli permezz ta' sistemi ta' informazzjoni.

Dawk il-mudelli għandhom jiġu adattati u aġġornati mill-Kummissjoni, wara li tkun informat lill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli.

4. Is-sistemi tal-informatika, li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, jistgħu jinkludu l-għodda meħtieġa għall-ħżin tad-dejta u għall-ġestjoni tal-kontijiet tal-Fondi mill-Kummissjoni, u dawk meħtieġa għall-kalkolazzjoni tan-nefqa b'rata fissa jew dik li teħtieġ l-użu ta' metodi uniformi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispejjeż finanzjarji u d-deprezzament.

5. Id-dejta dwar it-tranżazzjonijiet finanzjarji għandha tiġi kkomunikata, imdaħħla u aġġornata fis-sistemi tal-informatika li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, taħt ir-responsabbiltà tal-aġenzija tal-pagamenti, mill-aġenziji tal-pagamenti stess jew mill-korpi li lilhom tkun

▼B

ġiet delegata din il-funzjoni, jekk ikun il-każ permezz tal-korpi tal-koordinament akkreditati skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

6. Meta dokument jew proċedura, stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jew fl-atti tal-Kummissjoni adottati skont dak ir-Regolament, jirrikjedu l-firma ta' persuna awtorizzata jew l-approvazzjoni ta' persuna fi stadju wieħed jew aktar ta' dik il-proċedura, is-sistemi tal-informatika stabbiliti għall-komunikazzjoni ta' dokumenti bħal iridu jippermettu li kull persuna tkun identifikata b'mod mhux ambigwu u joffru garanziji raġonevoli li l-kontenut tad-dokumenti ma jistax jinbidel, inkluż fir-rigward tal-istadji tal-proċedura, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-infiq u d-dikjarazzjoni tal-ġestjoni annessi mal-kontijiet annwali li hemm referenza għalihom fil-punti (c)(i) u (iii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, id-dokumenti li jintbagħtu b'mod elettroniku għandhom jinżammu wkoll fil-forma oriġinali tagħhom mill-aġenziji tal-pagamenti jew, fejn applikabbli, mill-korpi tal-koordinament akkreditati f'konformità mal-Artikolu 7(2) u (4) ta' dak ir-Regolament.

7. Id-dokumenti elettroniċi u diġitali għandhom jinżammu għall-perjodu taż-żmien kollu stipulat fl-Artikolu 32.

8. F'każ li s-sistema tal-informatika ma taħdimx sew jew il-konnessjoni ma tkunx stabbli, l-Istat Membru jista', bl-approvazzjoni bil-quddiem tal-Kummissjoni, jibgħat id-dokumenti f'forma oħra, skont il-kundizzjonijiet stipulati mill-Kummissjoni.

Artikolu 25

Sospensjoni ta' pagament f'każ ta' preżentazzjoni tard

L-atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw il-pagamenti ta' kull xahar li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jew il-pagamenti interim li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament għandhom iqisu s-sospensjoni tal-pagamenti li tkun deċiża skont l-Artikolu 42 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 26

L-akkwist ta' immaġni bis-satellita

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru ta' kull sena, dwar:

(a) jekk jixtieqx li l-Kummissjoni tikseb l-immaġni bis-satellita meħtieġa għall-programm tagħha ta' verifiki u/jew għall-Valutazzjoni tal-Kwalità tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Ħbula tar-Raba' tagħha,

(b) iż-żona li għandha tiġi ċċekkjata u l-għadd ta' żoni ta' kontroll ippjanati.

2. L-Istati Membri li jitolbu lill-Kummissjoni tikseb immaġni bis-satellita għandhom jiffinalizzaw, b'koperazzjoni ma' din tal-aħħar u qabel il-15 ta' Jannar wara l-komunikazzjoni ta' informazzjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1, iż-żoni li għandhom ikunu koperti u l-iskeda ta' żmien biex jinkisbu dawn l-immaġini.

▼B

3. Il-Kummissjoni għandha tforni mingħajr ħlas l-immaġni bis-satellita li tkun kisbet lill-aġenti awtorizzati tal-Istati Membri. Dawn l-aġenti għandhom josservaw id-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-awtur stabbiliti fil-kuntratti mal-forniturі u r-ritorn tal-immaġni mat-tlestija taxxogħol.

4. Jekk it-total tat-talbiet riċevuti mill-Istati Membri jaqbeż il-baġit disponibbli għall-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar limitazzjoni tal-immaġni bis-satellita li għandha tiġi pprovduta, bil-għan li jsir l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli.

KAPITOLU III

L-APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

TAQSIMA 1

Irkupru tad-dejn

Artikolu 27

Imgħaxx applikabbli għall-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti

1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-leġiżlazzjoni agrikola settorjali, l-imgħax fuq pagamenti mhux dovuti li għandu jiġi rkuprat bħala konsegwenza ta' irregolarità jew negliġenza, għandu jiġi kkalkulat għall-perjodu li jgħaddi bejn id-data tal-iskadenza tal-pagament għall-benefiċjarju indikata fl-ordni tal-irkupru u d-data tal-ħlas lura jew tat-tnaqqis. L-iskadenza tal-pagament ma għandhiex tkun aktar minn 60 jum wara l-ordni tal-irkupru.

2. Ir-rata tal-imgħax li għandha tkun applikata, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun anqas mir-rata tal-imgħax stipulata mil-liġi nazzjonali għall-irkupru ta' nfiq mhux dovut komparabbli jew għall-ġbir ta' riċevibbli dovuti.

Artikolu 28

Irkupru permezz ta' tpaċija

Mingħajr ħsara għal kwalunkwe azzjoni ta' infurzar oħra stipulata fil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom ipaċu kwalunkwe dejn pendenti ta' benefiċjarju li jkun ġie stabbilit skont il-liġi nazzjonali ma' kwalunkwe pagament futur li għandu jsir mill-aġenzija tal-pagamenti responsabbli mill-irkupru tad-dejn lil dak il-benefiċjarju.

TAQSIMA 2

Approvazzjoni

Artikolu 29

Il-kontenut tal-kontijiet annwali

Il-kontijiet annwali li hemm referenza għalihom fil-punt (c)(iii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandhom jinkludu:

▼B

(a) d-dħul asssenjat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 43 ta' dak ir-Regolament;

(b) in-nefqa tal-FAEG wara t-tnaqqis ta' kull pagament mhux dovut li ma ġiex irkuprat sa tmiem is-sena finanzjarja għajr dawk li hemm referenza għalihom fil-punt (f) ta' dan l-Artikolu, inkluż kull imgħax fuqhom, magħmul f'sommarju skont l-entrata u s-subpartita tal-baġit tal-Unjoni;

(c) in-nefqa tal-FAEŻR, skont il-programm, il-miżura u r-rata ta' kontribuzzjoni speċifika. Id-dikjarazzjoni annwali tal-infiq għandha wkoll tinkludi informazzjoni dwar l-ammonti rkuprati. Ladarba programm jingħalaq, kull pagament mhux dovut u mhux irkuprat għajr dawk li hemm referenza għalihom fil-punt (f) ta' dan l-Artikolu, inkluż kull imgħax fuqhom, għandu jiġi mnaqqas min-nefqa tas-sena finanzjarja inkwistjoni;

(d) tabella tad-differenzi skont l-entrata u s-subpartita jew, fil-każ tal-FAEŻR, skont il-programm, il-miżura, ir-rata ta' kontribuzzjoni speċifika u l-qasam fokali, bejn l-infiq u d-dħul assenjat iddikjarat fil-kontijiet annwali u dak iddikjarat għall-istess perjodu fid-dokumenti li hemm referenza għalihom fil-punt (b) tal-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament, f'dak li jirrigwardja l-FAEG, u fl-Artikolu 22(2) ta' dan ir-Regolament, f'dak li jirrigwardja l-FAEŻR, akkumpanjata minn spjega ta' kull differenza;

(e) b'mod separat, l-ammonti li għandhom jitħallsu, rispettivament, mill-Istat Membru kkonċernat u mill-Unjoni skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 54(2) u tal-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013;

(f) it-tabella tal-pagamenti mhux dovuti li jridu jiġu rkuprati sa tmien is-sena finanzjarja bħala konsegwenza ta' irregolaritajiet skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([1]), inkluż kull penali stipulata mir-regoli settorjali tal-Unjoni applikabbli u kull imgħax fuqhom, skont il-mudell stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(g) estratt mill-ktieb tad-debituri tal-ammonti li għandhom jiġu rkuprati u kkreditati jew lill-FAEG jew lill-FAEŻR għajr dawk li hemm referenza għalihom fil-punti (b), (c) u (f) ta' dan l-Artikolu, inkluż kull penali u mgħax fuqhom, skont il-mudell stipulat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(h) sommarju tal-operazzjonijiet ta' intervent u dikjarazzjoni tal-kwantità u tal-lokalità tal-ħażniet fl-aħħar tas-sena finanzjarja;

(i) konferma li l-infiq, id-dħul assenjat u d-dettalji ta' kull moviment tal-ħażna ta' intervent jinżammu fil-fajls u fir-rekords tal-kontabbiltà tal-aġenzija tal-pagamenti.

(j) il-bilanċ tal-għeluq fl-aħħar tas-sena finanzjarja ta' avvanzi mhux użati/approvati akkumulati mħallsa mill-Istati Membri lill-benefiċjarji, għall-FAEG iddettaljati skont il-miżura u għall-FAEŻR skont il-programm, u għal dan tal-aħħar, inklużi l-istrumenti finanzjarji. Għall-istrumenti finanzjarji, il-bilanċ tal-għeluq jikkonċerna l-ammonti mħallsa mill-Kummissjoni li la ġew użati mill-Istati Membri għall-pagamenti lil riċevituri finali u lanqas ġew impenjati għal kuntratti ta' garanzija skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

▼B

Artikolu 30

It-trażmissjoni tal-informazzjoni

1. Biex ikunu approvati l-kontijiet, skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni:

(a) il-punti inklużi fil-kontijiet annwali, kif imsemmi fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament;

(b) iċ-ċertifikati u r-rapporti stabbiliti mill-korp jew mill-korpijiet ta' ċertifikazzjoni, kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(3) u (4) ta' dan ir-Regolament;

(c) rekords sħaħ tal-informazzjoni dwar il-kontabbiltà kollha meħtieġa għall- finijiet ta' statistika u ta' kontroll;

(d) id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni kif hemm referenza fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament;

2. Id-dokumenti u l-informazzjoni dwar il-kontabbiltà li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-15 ta' Frar tas-sena ta' wara t-tmiem tas-sena finanzjarja li jkunu relatati magħha. Id-dokumenti msemmija fil-punti (a), (b) u (d) ta' dak il-paragrafu għandhom jintbagħtu f'kopja waħda flimkien ma' kopja elettronika skont il-format u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24.

3. Fuq it-talba tal-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva tal-Istat Membru, aktar informazzjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tista' tiġi indirizzata lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien iddeterminat mill-Kummissjoni, filwaqt li jitqies l-ammont ta' xogħol meħtieġ biex tiġi pprovduta dik l-informazzjoni. Fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, il-Kummissjoni tista' tapprova l-kontijiet fuq il-bażi tal-informazzjoni li jkollha fil-pussess tagħha.

4. F'każijiet debitament iġġustifikati, il-Kummissjoni tista' taċċetta talba għal sottomissjoni tard tal-informazzjoni, jekk dik it-talba tkun indirizzata lilha qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni kkonċernata.

Artikolu 31

Il-format u l-kontenut tal-informazzjoni dwar il-kontabbiltà

1. Il-format u l-kontenut tal-informazzjoni dwar il-kontabbiltà li hemm referenza għalihom fil-punt (c) tal-Artikolu 30(1) u l-mod kif għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni għandhom ikunu dawk stipulati skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 991/2013 ([1]).

2. L-informazzjoni dwar il-kontabbiltà għandha tintuża mill-Kummissjoni għal dawn il-finijiet biss:

(a) biex twettaq il-funzjonijiet tagħha fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-kontijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013;

(b) biex timmonitorja l-iżviluppi u tipprovdi tbassir fis-settur agrikolu.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu jkollhom aċċess għal dik l-informazzjoni sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 991/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-forma u l-kontenut tal-informazzjoni dwar il-kontabbiltà li għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni għall-fini tal-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR kif ukoll għall-finijiet ta' monitoraġġ u tbassir (ĠU L 275, 16.10.2013, p. 7)

▼B

3. Kwalunkwe dejta personali inkluża fl-informazzjoni dwar il-kontabbiltà miġbura għandha tiġi pproċessata biss għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 2. B'mod partikolari, jekk l-informazzjoni dwar il-kontabbiltà tintuża mill-Kummissjoni għall-fini msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tagħmel tali dejta anonima u tipproċessaha biss f'forma aggregata.

4. Kwalunkwe mistoqsija dwar l-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom għandha tiġi indirizzata mill-persuni kkonċernati lill-Kummissjoni kif stabbilit fl-Anness IV.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni dwar il-kontabbiltà tinżamm kunfidenzjali u fiż-żgur.

Artikolu 32

Il-konservazzjoni tal-informazzjoni dwar il-kontabbiltà

1. Id-dokumenti ta' sostenn dwar l-infiq iffinanzjat u d-dħul assenjat li għandu jingħabar mill-FAEG għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għal mill-inqas tliet snin wara s-sena li fiha l-Kummissjoni tapprova l-kontijiet tas-sena finanzjarja kkonċernata skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

2. Id-dokumenti ta' sostenn dwar l-infiq iffinanzjat u d-dħul assenjat li għandu jingħabar mill-FAEŻR għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għal mill-inqas tliet snin ta' wara s-sena li fiha jkun sar il-ħlas finali mill-aġenzija tal-pagamenti.

3. Fil-każ ta' irregolaritajiet jew ta' negliġenzi, id-dokumenti ta' sostenn li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għal mill-inqas tliet snin wara s-sena li fiha s-somom ikunu ġew irkuprati kollha mill-benefiċjarju u u jkunu ġew ikkreditati lill-Fondi, jew li fiha l-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta' rkupru jkunu ġew iddeterminati skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

4. Fil-każ tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità pprovduta fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, id-dokumenti ta' sostenn imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għal mill-inqas sena waħda wara s-sena li fiha ġiet konkluża dik il-proċedura jew, jekk deċiżjoni ta' konformità tkun is-suġġett ta' proċeduri legali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, għal mill-inqas sena waħda wara s-sena li fiha jiġu konklużi dawk il-proċeduri.

5. Id-dokumenti ta' sostenn li hemm referenza għalihom fil-paragrafi minn 1 sa 4 għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni jew f'forma stampata, f'forma elettronika u/jew fiż-żewġ forom.

Id-dokumenti jistgħu jinżammu esklussivament f'forma elettronika jekk il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat tippermetti l-użu ta' dokumenti elettroniċi bħala evidenza tat-tranżazzjonijiet sottostanti fil-proċeduri tal-qorti nazzjonali.

Jekk id-dokumenti jinżammu f'forma elettronika biss, is-sistema għal dan l-iskop għandha tikkonforma mat-Taqsima 3(B) tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014.

Artikolu 33

Approvazzjoni finanzjarja

1. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandha tiddetermina l-ammonti ta' nfiq li sar f'kull

▼B

Stat Membru matul is-sena finanzjarja inkwistjoni li għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ċarġabbli lill-Fondi abbażi tal-kontijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament u kull tnaqqis u sospensjoni skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Id-deċiżjoni għandha tiddetermina wkoll l-ammonti li għandhom jiġu ċċarġjati lill-Unjoni u lill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Għall-FAEŻR, l-ammont iddeterminat mid-deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-kontijiet għandu jinkludi l-fondi li jistgħu jerġgħu jintużaw permezz ta' allokazzjoni mill-ġdid mill-Istat Membru kkonċernat skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

2. Fir-rigward tal-FAEG, l-ammont li, minħabba d-deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-kontijiet, jista' jiġi rkuprat minn jew imħallas lil kull Stat Membru, għandu jiġi stabbilit billi l-pagamenti ta' kull xahar fir-rigward tas-sena finanzjarja kkonċernata jitnaqqsu mill-infiq rikonoxxut għall-istess sena skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas dak l-ammont mill-pagament ta' kull xahar relatat mal-infiq li sar fit-tieni xahar ta' wara d-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-kontijiet, jew iżżidu miegħu.

Fir-rigward tal-FAEŻR, l-ammont li, minħabba d-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-kontijiet, jista' jiġi rkuprat minn jew jista' jiġi mħallas lil kull Stat Membru, għandu jiġi stabbilit billi l-ħlasijiet intermedji fir-rigward tas-sena finanzjarja kkonċernata jitnaqqsu mill-infiq rikonoxxut għall-istess sena skont il-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni għandha tnaqqas dak l-ammont mill-ewwel ħlas li għalih titressaq id-dikjarazzjoni tal-infiq mill-Istat Membru wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, jew iżżidu miegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istat Membru kkonċernat ir-riżultati tal-verifika tagħha tal-informazzjoni pprovduta, flimkien ma' kwalunkwe emenda li qed tipproponi, mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' wara tmiem is-sena finanzjarja.

4. Jekk, għal raġunijiet li jistgħu jiġu attribwiti lill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni ma tkunx tista' tapprova l-kontijiet ta' Stat Membru qabel it-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru bl-istħarriġ addizzjonali li qed tipproponi li tagħmel skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

5. Il-paragrafi minn 1 sa 4 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, għad-dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 34

Approvazzjoni tal-konformità

1. Sabiex jiġu ddeterminati liema ammonti għandhom jiġu eskluży mill-finanzjament tal-Unjoni, meta jinstab li l-infiq ma jkunx sar b'konformità mar-regoli tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tuża wkoll is-sejbiet tagħha u għandha tqis l-informazzjoni disponibbli mill-Istati Membri, sakemm din l-informazzjoni tal-aħħar hija pprovduta f'waqtha fil-limiti ta' żmien stabbiliti mill-Kummissjoni fil-qafas tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità mwettqa skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u skont dan l-Artikolu.

▼B

2. Fejn, minħabba kwalunkwe stħarriġ, il-Kummissjoni tqis li l-infiq ma sarx skont ir-regoli tal-Unjoni, hija għandha tikkomunika s-sejbiet tagħha lill-Istat Membru kkonċernat, fejn tispeċifika l-miżuri korrettivi meħtieġa biex tkun żgurata l-konformità ma' dawk ir-regoli fil-futur, u tindika l-livell provviżorju ta' korrezzjoni finanzjarja li f'dak l-istadju tal-proċedura tikkunsidra li jikkorrispondi mas-sejbiet tagħha. Dik il-komunikazzjoni għandha wkoll tiskeda laqgħa bilaterali fi żmien erba' xhur wara li jiskadi l-perjodu għar-risposta mill-Istat Membru. Il-komunikazzjoni għandha tagħmel referenza għal dan l-Artikolu.

L-Istat Membru għandu jwieġeb fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-komunikazzjoni. Fit-tweġiba tiegħu l-Istat Membru għandu jkollu l-opportunità, b'mod partikolari, li:

(a) juri lill-Kummissjoni li l-livell attwali ta' nuqqas ta' konformità jew ta' riskju għall-Fondi huwa anqas minn dak li kien ġie indikat mill-Kummissjoni;

(b) jinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri korrettivi li jkun ħa biex jiżgura l-konformità mar-regoli tal-Unjoni u bid-data effettiva tal-implimentazzjoni tagħhom.

F'każijiet iġġustifikati, l-Kummissjoni, fuq talba raġunata tal-Istat Membru, tista' tawtorizza estensjoni tal-perjodu ta' xahrejn b'massimu ta' xahrejn. It-talba għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni qabel ma jiskadi dak il-perjodu.

Jekk l-Istat Membru jikkunsidra li laqgħa bilaterali mhix meħtieġa, għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan fit-tweġiba tagħha għall-komunikazzjoni msemmija hawn fuq.

3. Fil-laqgħa bilaterali, ż-żewġ partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jilħqu ftehim dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu kif ukoll dwar l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur u tad-dannu finanzjarju kkawżat lill-baġit tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha, fi żmien 30 jum ta' ħidma mill-laqgħa bilaterali, tfassal il-minuti u tibgħathom lill-Istat Membru. L-Istat Membru jista' jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum ta' ħidma minn wara li jirċievi l-minuti.

Fi żmien sitt xhur minn wara li tibgħat il-minuti tal-laqgħa bilaterali, il-Kummissjoni għandha tikkomunika formalment il-konklużjonijiet tagħha lill-Istat Membru abbażi tal-informazzjoni riċevuta fil-qafas tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità. Dik il-komunikazzjoni għandha tevalwa l-infiq li għandu jiġi eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014. Il-komunikazzjoni għandha tagħmel referenza għall-Artikolu 40(1) ta' dan ir-Regolament.

4. Meta Stat Membru jkun għamel użu tal-proċedura ta' konċiljazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 40, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tagħha lill-Istat Membru mhux aktar tard minn sitt xhur wara li:

(a) tirċievi rapport tal-Korp tal-Konċiljazzjoni; jew

(b) tirċievi informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru qabel l-iskadenza li hemm referenza għaliha fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 40(3), sakemm il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu jiġu ssodisfati.

5. Sabiex japplikaw il-paragrafi 3 u 4 fi ħdan il-perjodi ta' żmien rispettivi, il-Kummissjoni għandu jkollha disponibbli l-informazzjoni

▼B

kollha relevanti f'dak il-pass partikolari tal-proċedura. Fejn il-Kummissjoni tqis li hemm nuqqas ta' informazzjoni, tista' f'kull ħin fi żmien il-perjodi ta' żmien stipulati fil-paragrafi 3 u 4:

(a) titlob għal informazzjoni addizzjonali minn Stat Membru, u l-Istat Membru għandu jwieġeb għal dan fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-komunikazzjoni; u/jew

(b) tinforma lill-Istat Membru bl-intenzjoni tagħha li twettaq missjoni ta' awditjar addizzjonali sabiex tagħmel il-verifiki meħtieġa.

F'dan il-każ, il-perjodi ta' żmien li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 3 u 4 għandhom jerġgħu jibdew jew mal-wasla tal-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Kummissjoni jew mill-aħħar jum tal-missjoni ta' awditjar addizzjonali.

6. Meta tevalwa l-infiq li għandu li għandu jiġi eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni, tista' titqis biss l-informazzjoni kkomunikata mill-Istat Membru wara l-komunikazzjoni formali tal-Kummissjoni li hemm referenza għaliha ►C1 fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3 ◄:

(a) meta huwa meħtieġ li tiġi evitata stima eċċessiva tad-dannu finanzjarju kkawżat lill-baġit tal-Unjoni; u

(b) jekk it-trażmissjoni tard tal-informazzjoni hija debitament ġustifikata minn fatturi esterni u ma tipperikolax l-adozzjoni fil-ħin mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

7. Wara li tkun ikkomunikat il-konklużjonijiet tagħha lill-Istati Membri skont il-paragrafu 3 jew 4 tal-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta, fejn ikun meħtieġ, deċiżjoni waħda jew aktar skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 sabiex teskludi, mill-finanzjament tal-Unjoni, infiq li jkun sar minħabba n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tista' ssegwi proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità konsekuttivi sakemm l-Istat Membru jimplimenta l-miżuri korrettivi.

8. Fir-rigward tal-FAEG, it-tnaqqis mill-finanzjament Komunitarju għandu jsir mill-Kummissjoni mill-pagamenti ta' kull xahar relatati mal-infiq li sar fit-tieni xahar ta' wara d-deċiżjoni skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Fir-rigward tal-FAEŻR, it-tnaqqis mill-finanzjament tal-Unjoni għandu jsir mill-Kummissjoni mill-pagament li għalih titressaq id-dikjarazzjoni tal-infiq mill-Istat Membru wara li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Madankollu, fuq talba tal-Istat Membru u wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tistabbilixxi data differenti għat-tnaqqis jew tawtorizza r-rimborż tagħhom f'pagamenti parzjali, fejn dan huwa ġġustifikat minħabba l-materjalità tat-tnaqqis inkluż f'att ta' implimentazzjoni adottat abbażi tal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

▼M2

8a. Għal Stati Membri li huma suġġetti għal assistenza finanzjarja skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 ([1]), ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 ([2]) u t-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-Kummissjoni tista', fuq talba tal-Istat

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

▼M2

Membru u wara konsultazzjoni tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli, tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni fejn tiddifferixxi, għal perjodu mhux itwal minn 24 xahar mid-data tal-adozzjoni tagħha, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet adottati wara l-1 ta' Mejju 2015 skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ("deċiżjoni tad-differiment").

Id-deċiżjoni ta' differiment għandha tawtorizza t-tnaqqis li jrid isir wara t-tmiem tal-perjodu ta' differiment fi tliet pagamenti parzjali annwali. Fejn l-ammont totali suġġett għad-deċiżjoni ta' differiment jirrappreżenta iktar minn 0,02 % tal-Prodott Domestiku Gross tal-Istat Membru, il-Kummissjoni tista' tawtorizza t-tqassim tar-rimborż f'massimu ta' ħames pagamenti parzjali annwali.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fuq talba tal-Istat Membru u wara konsultazzjoni tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli, li testendi darba, għal perjodu mhux itwal minn 12-il xahar, il-perjodu ta' differiment imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

L-Istat Membru li jibbenefika minn deċiżjoni ta' differiment għandu jiżgura li n-nuqqasijiet li kienu r-raġunijiet għat-tnaqqis u li jkunu għadhom relevanti fiż-żmien tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tad-differiment, qed jiġu rrimedjati abbażi ta' pjan ta' azzjoni, stabbilit f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, inkluż skadenzi u indikaturi ċari dwar il-progress. Il-Kummissjoni għandha temenda jew tħassar id-deċiżjoni ta' differiment, filwaqt li tqis il-prinċipju tal-proporzjonalità, f'wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru jonqos milli jieħu l-azzjonijiet neċessarji biex jirrimedja n-nuqqasijiet kif previst fil-pjan ta' azzjoni;

(b) il-progress fl-azzjonijiet ta' rimedju mhux suffiċjenti skont l-indikaturi tal-progress; jew

(c) l-eżitu tal-azzjonijiet mhux sodisfaċenti.

8b. Id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 8 u 8a għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 116(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

▼M3

9. F'każijiet iġġustifikati kif xieraq li għandhom jiġu mgħarrfa lill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' ttawwal il-perjodi ta' żmien stipulati fil-paragrafi 3, 4 u 5.

▼B

10. Il-paragrafi minn 1 sa 9 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, għad-dħul assenjat skont it-tifsira tal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

▼M3

11. Fejn il-perjodi ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 2, 3, 4 u 5 jinkludu, bis-sħiħ jew parzjalment, ix-xahar ta' Awwissu, dawk il-perjodi ta' żmien għandhom jiġu sospiżi matul dak ix-xahar.

▼B

Artikolu 35

Deċiżjoni biex ma titnedhiex inkjesta dwar l-approvazzjoni tal-konformità

1. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ma tnedix jew ma ssegwix inkjesta dwar l-approvazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fejn tistenna l-possibilità li l-korrezzjoni finanzjarja, għan-nuqqas ta' konformità identifikata bħala riżultat ta' inkjesta li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 34, ma taqbiżx il-EUR 50 000 u t-2 % tan-nefqa relevanti jew tal-ammonti li għandhom jiġu rkuprati.

▼B

2. Fejn il-Kummissjoni tnaqqas il-pagamenti mensili skont l-Artikolu 41(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, hija tista' tiddeċiedi li ma tnedix jew ma ssegwix inkjesta dwar l-approvazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 52 ta' dak ir-Regolament, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx esprima oġġezzjoni għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fil-qafas tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 41(1) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 36

Il-Korp ta' Konċiljazzjoni

Għall-fini tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità stipulata fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandu jiġi stabbilit Korp ta' Konċiljazzjoni. Dan għandu jwettaq dawn il-kompiti:

(a) jeżamina kwalunkwe kwistjoni referita lilu minn Stat Membru li jkun irċieva komunikazzjoni formali mill-Kummissjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(3) ta' dan ir-Regolament, inkluża evalwazzjoni tal-infiq li l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni;

(b) jipprova jirrikonċilja l-pożizzjonijiet diverġenti tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru kkonċernat;

(c) fi tmiem l-eżami tiegħu, iħejji rapport dwar ir-riżultati tal-isforzi ta' rikonċiljazzjoni tiegħu, filwaqt li jagħmel rimarki li jqis li huma utli jekk il-punti kollha tat-tilwima jew uħud minnhom jibqgħu mhux riżolti.

Artikolu 37

Il-kompożizzjoni tal-Korp ta' Konċiljazzjoni

1. Il-Korp ta' Konċiljazzjoni għandu jkun magħmul minn ħames membri magħżulin minn fost persuni prominenti li joffru kull garanzija ta' indipendenza u li huma kwalifikati ħafna fi kwistjonijiet dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni, inkluż l-iżvilupp rurali, jew fil-prattika tal-awditjar finanzjarju.

Għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru differenti.

2. Il-president, il-membri u l-membri sostituti għandhom jinħatru mill-Kummissjoni għal mandat inizjali ta' tliet snin wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli.

Il-mandat jista' jiġġedded kull darba għal sena biss, wara li jkun ġie informat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli. Madankollu, jekk il-president li għandu jinħatar diġà jkun membru tal-Korp ta' Konċiljazzjoni, il-mandat inizjali tiegħu bħala president għandu jkun ta' tliet snin.

L-ismijiet tal-president, tal-membri u tal-membri sostituti għandhom jiġu ppubblikati fis-serje "C" f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. Il-membri tal-Korp ta' Konċiljazzjoni għandhom jiġu remunerati billi jitqies iż-żmien li jkunu meħtieġa jiddedikaw għall-kompitu. L-ispejjeż għandhom jiġu kkumpensati skont ir-regoli fis-seħħ għall-persunal tal-Kummissjoni.

4. Wara li jiskadi l-mandat, il-president u l-membri għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jinbidlu jew il-mandat tagħhom jiġġedded.

▼B

5. Il-mandat ta' membri li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex iwettqu dmirijiethom mal-Korp ta' Konċiljazzjoni jew li, għal kwalunkwe raġuni, ma jkunux disponibbli għal perjodu indeterminat, jista' jintemm mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli.

F'dak il-każ, il-membru kkonċernat għandu jiġi sostitwit minn membru sostitut għall-bqija tal-perjodu li nħatar għalih, u l-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli għandu jiġi informat.

Jekk il-mandat tal-president jittemm, il-membru li għandu jwettaq id-dmirijiet tal-president għall-bqija tal-perjodu li għalih ikun inħatar il-president għandu jinħatar mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli.

Artikolu 38

L-Indipendenza tal-Korp ta' Konċiljazzjoni

1. Il-membri tal-Korp ta' Konċiljazzjoni għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti, fejn la jfittxu u lanqas jaċċettaw istruzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew korp.

Il-membri m'għandhomx jieħu sehem fix-xogħol tal-Korp ta' Konċiljazzjoni jew jiffirmaw rapport jekk, f'kariga preċedenti, kienu personalment involuti fil-kwistjoni diskussa.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 287 tat-Trattat, il-membri m'għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni miksuba minnhom waqt ix-xogħol li jagħmlu għall-Korp ta' Konċiljazzjoni. Informazzjoni bħal din għandha tkun kunfidenzjali u koperta mill-obbligu tas-sigriet professjonali.

Artikolu 39

L-arranġamenti tax-xogħol

1. Il-Korp ta' Konċiljazzjoni għandu jiltaqa' fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni. Il-president għandu jħejji u jorganizza x-xogħol. Fl-assenza tiegħu, u mingħajr ħsara għall-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 37(5), għandu jippresjedi l-aktar membru anzjan.

Is-segretarjat tal-Korp ta' Konċiljazzjoni għandu jiġi stipulat mill-Kummissjoni.

2. Mingħajr ħsara għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 38(1), ir-rapporti għandhom jiġu adottati minn maġġoranza assoluta tal-membri preżenti, u l-kworum għad-deliberazzjonijiet għandu jkun ta' tlieta.

Ir-rapporti għandhom jiġu ffirmati mill-president u mill-membri li jkunu ħadu sehem fid-deliberazzjonijiet. Għandhom jiġu ffirmati wkoll mis-segretarjat.

Artikolu 40

Il-proċedura ta' konċiljazzjoni

1. Stat Membru jista' jirreferi kwistjoni lill-Korp ta' Konċiljazzjoni fi żmien 30 jum ta' xogħol minn meta jirċievi l-komunikazzjoni formali tal-Kummissjoni li hemm referenza għaliha ►C1 fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 34(3) ◄ billi jibgħat talba raġunata għal konċiljazzjoni lis-segretarjat tal-Korp ta' Konċiljazzjoni.

Il-proċedura li għandha tiġi segwita u l-indirizz tas-segretarjat għandu jiġi nnotifikat lill-Istati Membri permezz tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli.

2. Talba għal konċiljazzjoni għandha tkun ammissibbli biss fejn l-ammont li huwa previst li se jiġi eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni skont il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni jew:

▼B

(a) jeċċedi l-EUR 1 miljun;

jew

(b) jirrappreżenta tal-anqas 25 % tal-infiq annwali totali tal-Istat Membru skont l-intestaturi bażitarji kkonċernati.

Barra minn dan, jekk, matul id-diskussjonijiet preċedenti, l-Istat Membru jkun saħaq u wera li l-kwistjoni hija waħda ta' prinċipju relatata mal-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni, il-president tal-Korp ta' Konċiljazzjoni jista' jiddikjara li talba għal konċiljazzjoni tkun ammissibbli. Madankollu, tali talba m'għandhiex tkun ammissibbli jekk tkun relatata biss ma' kwistjoni ta' interpretazzjoni legali.

3. Il-Korp ta' Konċiljazzjoni għandu jwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu b'mod kemm jista' jkun informali u fil-pront, filwaqt li jibbaża ruħu fuq l-evidenza disponibbli għall-Kummissjoni fiż-żmien meta l-konklużjonijiet formali jkunu komunikati skont l-Artikolu 34(3) u billi jagħti smigħ ġust lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati.

Madankollu jekk l-Istat Membru jikkunsidra li huwa meħtieġ li fit-talba għal konċiljazzjoni tiegħu tiġi ppreżentata informazzjoni li tkun għadha ma ġietx ikkomunikata lill-Kummissjoni, il-Korp ta' Konċiljazzjoni jista' jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta dik l-informazzjoni ġdida biss jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34(6). L-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn xahrejn wara li r-rapport li hemm referenza għalih fil-punt (c) tal- Artikolu 36 ikun intbagħat.

4. Jekk, fi żmien erba' xhur minn meta każ jiġi referit lilu, il-Korp ta' Konċiljazzjoni ma jkunx jista' jirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru, għandu jitqies li l-proċedura ta' konċiljazzjoni ma tkunx irnexxiet.

Ir-rapport li hemm referenza għalih fil-punt (C) tal-Artikolu 36 għandu jiddikjara r-raġunijiet għalfejn il-pożizzjonijiet ma setgħux jiġu kkonċiljati. Għandu jindika jekk intlaħaqx xi ftehim parzjali matul il-proċedimenti u jekk il-Korp ta' Konċiljazzjoni jistedinx lill-Kummissjoni tivvaluta informazzjoni ġdida skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3.

Ir-rapport għandu jintbagħat lil:

(a) l-Istat Membru kkonċernat;

(b) il-Kummissjoni, biex teżaminah qabel ma tikkomunika l-konklużjonijiet tagħha lill-Istat Membru;

(c) l-Istati Membri l-oħra fil-qafas tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli.

▼M3

5. Fejn il-perjodi ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 1, 3, u 4 jinkludu, bis-sħiħ jew parzjalment, ix-xahar ta' Awwissu, dawk il-perjodi ta' żmien għandhom jiġu sospiżi matul dak ix-xahar.

▼B

KAPITOLU IV

REGOLI DWAR IL-VERIFIKI

TAQSIMA 1

Regoli ġenerali

Artikolu 41

Tnaqqis fil-verifiki fuq il-post

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jnaqqsu l-livell minimu ta' verifiki fuq il-post, skont l-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼B

(a) il-korp taċ-ċertifikazzjoni, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ikun wassal opinjoni li tivvalida kemm li s-sistema ta' kontroll intern qed tiffunzjona kif suppost kif ukoll li r-rata ta' żbalji għall-popolazzjoni kkonċernata kienet taħt il-limitu ta' materjalità ta' 2,0 % għal mill-anqas sentejn finanzjarji konsekuttivi qabel is-sena li fiha hija maħsuba li se tapplika r-rata ta' kontroll imnaqqsa;

(b) il-Kummissjoni ma tkunx infurmat lill-Istat Membru kkonċernat li ma tistax taċċetta l-opinjoni li hemm referenza għaliha fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu stipulata mill- korp taċ-ċertifikazzjoni fil-kuntest tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013; u

(c) il-Kummissjoni:

(i) ma tkunx infurmat lill-Istat Membru kkonċernat, skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, dwar in-nuqqasijiet fis-sistema tal-kontroll tal-iskema ta' sostenn individwali jew tal-miżura kkonċernata, jew

(ii) tkun sodisfatta, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament, bl-azzjonijiet korrettivi meħuda mill-Istat Membru kkonċernat fejn dan tal-aħħar ikun ġie infurmat, skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, dwar in-nuqqasijiet fis-sistema tal-kontroll tal-iskema ta' sostenn individwali jew tal-miżura kkonċernata u tkun informat lill-Istat Membru b'dan.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jnaqqsu l-livell minimu ta' verifiki fuq il-post skont il-livelli u, fejn xieraq, il-kundizzjonijiet addizzjonali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jnaqqsu l-livell minimu ta' verifiki fuq il-post immedjatament wara l-adozzjoni tagħha. Din l-informazzjoni għandha tinkludi:

(a) l-iskema ta' appoġġ jew il-miżura kkonċernata;

(b) il-perjodu tal-applikazzjoni ta' livell minimu mnaqqas ta' verifiki fuq il-post;

(c) il-livell minimu ta' verifiki fuq il-post imnaqqas li għandu jiġi applikat.

3. Fejn kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti fil-paragrafu 1, jew xi kundizzjoni addizzjonali stipulata taħt il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur ma tibqax issodisfata, l-Istati Membri għandhom, immedjatament, jirrevokaw id-deċiżjoni tagħhom biex jitnaqqas il-livell minimu ta' verifiki fuq il-post u biex japplikaw, mis-sena tat-talba ta' wara, il-livell minimu ta' verifiki fuq il-post stabbilit fil-leġiżlazzjoni agrikola settorjali.

TAQSIMA 2

Skrutinju tat-tranżazzjonijiet

Artikolu 42

Skrutinju tal-Istati Membri

1. L-iskrutinju sistematiku tad-dokumenti kummerċjali ta' impriżi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 80(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandu japplika, għal kull perjodu ta' skrutinju li hemm referenza għalih fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, għal numru ta' impriżi li ma jistax ikun anqas minn nofs in-numru tal-impriżi li l-introjti jew il-pagamenti tagħhom, jew is-somma tagħhom, skont is-sistema ta' finanzjament mill-FAEG, jaqbeż il-EUR 150 000 għas-sena finanzjarja tal-FAEG ta' qabel il-bidu tal-perjodu ta' skrutinju inkwistjoni.

▼B

2. Fir-rigward ta' kull perjodu ta' skrutinju, l-Istati Membri għandhom, mingħajr ħsara għall-obbligi tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 80(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, jagħżlu l-impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati abbażi tal-analiżi tar-riskju għall-miżuri kollha meta huwa prattiku li jsir hekk. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-proposti tagħhom għall-użu tal-analiżi tar-riskju mill-anqas sitt (6) xhur qabel il-bidu tal-perjodu ta' skrutinju. Il-proposti għandhom jinkludu l-informazzjoni relevanti kollha dwar l-approċċ, it-tekniki u d-dejta użata għall-analiżi, u l-kriterji u l-metodu mistenni ta' implimentazzjoni tal-kontrolli li għandhom jitwettqu. Il-proposta għandha titfassal skont l-Anness V ta' dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jikkunsidra l-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-proposta tal-analiżi tar-riskju, li għandhom jingħataw fi żmien tmien ġimgħat mill-wasla.

3. Għal miżuri li għalihom Stat Membru jqis li l-użu ta' analiżi tar-riskju mhuwiex prattiku, għandu jkun obbligatorju li l-impriżi li s-somma tad-dħul jew tal-pagamenti tagħhom jew is-somma ta' dawk iż-żewġ ammonti fi ħdan is-sistema ta' finanzjament tal-FAEG taqbeż it-EUR 350 000 u li ma jkunux ġew skrutinizzati skont dan ir-Regolament u l-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 matul xi wieħed miż-żewġ perjodi ta' skrutinju preċedenti, jiġu skrutinizzati.

4. Il-perjodu ta' skrutinju għandu jdum mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. L-iskrutinju għandu jkopri perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar li jintemmu waqt il-perjodu ta' skrutinju ta' qabel; dan jista' jiġi estiż għal perjodi, li għandhom jiġu determinati mill-Istat Membru, li jiġu qabel jew wara l-perjodu ta' 12-il xahar.

Artikolu 43

Aċċess għal dokumenti kummerċjali

L-impriżi għandhom iżommu d-dokumenti kummerċjali għal mill-anqas tliet snin, li jibdew mill-aħħar tas-sena meta jkunu saru. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu itwal ta' kemm iżommu dawn id-dokumenti.

Artikolu 44

Azzjonijiet konġunti

Il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi fuq inizjattiva tagħha stess jew abbażi ta' proposta minn Stat Membru, u bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat, tista' tiddeċiedi li tikkoordina azzjonijiet konġunti li jinvolvu assistenza reċiproka bejn żewġ Stati Membri jew aktar, kif stipulat fl-Artikolu 83(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 45

Assistenza reċiproka

1. Waqt l-ewwel tliet xhur wara s-sena finanzjarja ta' pagament mill-FAEG, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lista tal-impriżi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 83(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 lil kull Stat Membru li fih hija stabbilita impriża bħal din. Il-lista għandu jkollha fiha d-dettalji kollha meħtieġa sabiex l-Istat

▼B

Membru tad-destinazzjoni jkun jista' jidentifika l-impriżi u jeżegwixxi l-obbligi ta' skrutinju tiegħu. L-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jkun responsabbli għall-iskrutinju ta' dawn l-impriżi skont l-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Kopja ta' kull lista għandha tintbagħat lill-Kummissjoni.

L-Istat Membru li jirċevi jew jagħmel il-pagament jista' jitlob lill-Istat Membru li fih hija stabbilita l-impriża sabiex jiskrutinizza whud mill-impriżi fuq dik il-lista skont l-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, waqt li jindika għalfejn huwa meħtieġ li jagħmel talba bħal din u b'mod partikolari r-riskji assoċjati magħha.

L-Istat Membru li jirċievi t-talba għandu jikkunsidra kif xieraq ir-riskji assoċjati mal-impriża, u għandu jikkomunika dan mal-Istat Membru li jkun qiegħed jagħmel it-talba.

L-Istat Membru li jirċevi t-talba għandu jinforma lill-Istat Membru li jagħmel it-talba bl-azzjoni meħuda wara t-talba. Meta jsir l-iskrutinju ta' impriża fuq il-lista, l-Istat Membru li jkun irċeva t-talba u li jkun wettaq l-iskrutinju għandu jinforma lill-Istat Membru li jkun għamel it-talba bir-riżultati ta' dak l-iskrutinju mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-tmiem tal-perjodu tal-iskrutinju.

Deskrizzjoni fil-qosor ta' dawn it-talbiet għandha tintbagħat lill-Kummissjoni kull tliet xhur, mhux aktar minn xahar wara li jagħlaq il-perijodu ta' tliet xhur. Il-Kummissjoni tista' titlob li tingħata kopja ta' kull talba individwali.

Il-lista ta' impriżi li hemm referenza għaliha fl-ewwel subparagrafu għandha titħejja skont il-formola mudell li qed jidher fl-Anness VI.

2. Il-lista ta' impriżi li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 83(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandha titħejja skont il-formola mudell li qed tidher fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

3. Talba minn Stat Membru għal skrutinju li tikkonċerna impriża fi Stat Membru ieħor, kif hemm referenza għaliha fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 u fl-Artikolu 83(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandha titħejja skont il-formola mudell li qed tidher fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

4. L-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-iskrutinji li hemm referenza għalihom fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 u fl-Artikolu 83(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandha titħejja skont il-formola mudell li qed tidher fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

5. L-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-iskrutinji li hemm referenza għalihom fil-ħames subparagrafu tal-paragrafu 1 u fl-Artikolu 83(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, inklużi r-riżultati tal-iskrutinji, għandha titħejja skont il-formola mudell li qed tidher fl-Anness X ta' dan ir-Regolament.

6. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafu 1 għandha tiġi kkomunikata fil-forma elettronika, fil-format stipulat fit-Taqsima 2 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 991/2013.

▼B

Artikolu 46

Programmi u rapporti annwali

1. Il-programm annwali ta' skrutinji li hemm referenza għalih fl-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandu jsir skont il-formola mudell li qed tidher fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-rapport annwali li hemm referenza għalih fl-Artikolu 86(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandu juri xi diffikultajiet iffaċċjati u l-miżuri li ttieħdu sabiex jingħelbu u, fejn hu xieraq, iwassal suġġerimenti għal titjib.

Għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar kull wieħed mill-aspetti tal-applikazzjoni tal-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 elenkati fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament, stabbiliti f'taqsimiet identifikati b'mod ċar taħt l-intestaturi li hemm referenza għalihom f'dak l-Anness.

3. L-informazzjoni li għandha tingħata skont l-Artikolu 45 tista' tiġi kkomunikata f'formola stampata jew f'formola elettronika, f'format li għandu isir qbil dwaru bejn il-persuna li qed tibgħat u r-riċevitur.

4. Il-Kummissjoni għandha tevalwa kull sena l-progress miksub fir-rapport finanzjarju annwali dwar l-amministrazzjoni tal-Fondi li hemm referenza għalihom Artikolu 109 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 47

Dipartimenti speċjali

1. Id-dipartimenti speċjali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandhom ikunu responsabbli, minbarra għall-kompiti msemmija f'dak l-Artikolu:

(a) għat-taħriġ ta' uffiċjali nazzjonali responsabbli mit-twettiq tal-iskrutinju li hemm referenza għalih f'din it-Taqsima, sabiex jippermettilhom jakkwistaw biżżejjed għarfien sabiex iwettqu d-doveri tagħhom;

(b) għall-amministrazzjoni tar-rapporti ta' skrutinju u għal dokumenti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-iskrutinji mwettqa u stipulati skont il-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013

(c) għall-preparazzjoni u l-komunikazzjoni tal-programmi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u r-rapporti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 86(1) ta' dak ir-Regolament.

2. Id-dipartimenti speċjali għandhom ikunu fdati mill-Istati Membri bis-setgħat kollha meħtieġa biex iwettqu l-kompiti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1.

Dawn għandhom ikunu magħmula minn numru biżżejjed ta' uffiċjali li jkunu mħarrġa b'mod adegwat għat-twettiq ta' dawk il-kompiti.

3. L-Istati Membri fejn in-numru minimu ta' impriżi li għandhom jiġu kkontrollati huwa anqas minn 10, ma għandhomx ikunu meħtieġa jistabbilixxu dipartiment speċjali.

▼B

KAPITOLU V

GARANZIJI

TAQSIMA 1

Kamp ta' Applikazzjoni, teknoloġija tal-informatika, force majeure

Artikolu 48

Kamp ta' Applikazzjoni

Dan il-Kapitolu għandu japplika fil-każijiet kollha fejn il-leġiżlazzjoni agrikola settorjali tistipula garanmziji, kemm jekk it-terminu partikolari "garanzija" jintuża kif ukoll jekk le.

Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għal garanziji mogħtija biex jiġi żgurat il-pagament ta' dazji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni li hemm referenza għalihom fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([1]).

Artikolu 49

Amministrazzjoni elettronika

Komunikazzjonijiet, dokumenti u garanziji jistgħu jiġu prodotti, ipproċessati, u ġestiti bl-użu ta' teknoloġija tal-informatika (information technology - IT) bil-kundizzjoni li s-sistemi applikabbli huma ġestiti skont il-kwalità approvata uffiċjalment u l-protokolli tal-garanziji tajbin għal dawk is-sistemi.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jaċċessaw id-dokumenti meħtieġa għall-verifika minħabba differenzi fis-sistemi tal-IT, dawk id-dokumenti għandhom jiġu stampati u ċċertifikati bħala ġenwini mill-awtorità kompetenti għall-ġestjoni ta' dawk is-sistemi tal-IT ("l-awtorità tal-ħruġ") jew minn awtorità kompetenti biex tiċċertifika dokumenti bħala kopja vera.

Kopji stampati bħal dawn jistgħu jiġu sostitwiti minn messaġġ elettroniku bejn l-awtorità tal-ħruġ u l-benefiċjarju jew l-awtorità kompetenti, bil-kundizzjoni li l-awtorità tal-ħruġ tipprovdi, f'ċertifikazzjoni approvata uffiċjalment, il-protokoll li jiżgura l-ġenwinità tal-messaġġ.

Artikolu 50

Limiti taż-żmien tal-Force majeure

1. Dan l-Artikolu għandu japplika meta Regolament speċifiku jirreferi għalih.

2. Talba għar-rikonoxximent ta' force majeure ma għandhiex tkun ammessibbli jekk tasal għand l-awtorità kompetenti aktar minn 30 jum kalendarju wara:

(a) id-data li fiha l-operatur kien informat mill-awtorità kompetenti dwar id-deċiżjoni ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligu relevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Delegat (UE) Nru

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

▼B

907/2014, l-iskadenza ta' limitu ta' żmien għall eżekuzzjoni tal-obbligu relevanti kif hemm referenza fl-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament jew l-iskadenza ta' limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-prova tal-eżekuzzjoni tal-obbligu relevanti kif hemm referenza fl-Artikolu 23(4) ta' dak ir-Regolament;

(b) id-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-offerti f'pajjiż terz fejn l-offerta hija marbuta ma' ċertifikat tal-iffissar bil-quddiem għal rifużjonijiet tal-esportazzjoni;

3. L-operaturi għandhom jipprovdu prova, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, taċ-ċirkostanzi li jikkunsidraw li jikkostitwixxu l-force majeure, fi żmien 181 jum kalendarju mill-iskadenza tal-perjodu li fih ikun ġie sodisfatt kompletament l-obbligu. L-operaturi jistgħu jingħataw aktar żmien jekk ma jkunux jistgħu jagħtu prova f'dak il-limitu ta' żmien minkejja li jkunu ħadmu bid-diliġenza kollha meħtieġa sabiex jiksbuha u jwassluha.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-każijiet ta' force majeure li jkunu rrikonoxxew, u jipprovdu l-informazzjoni relevanti ta' kull każ.

TAQSIMA 2

Forom ta' GARANZIJI

Artikolu 51

Forma

1. Garanzija tista' tingħata:

(a) bħala depożitu ta' flus kontanti kif hemm referenza fl-Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014; u/jew

(b) billi jiġi pprovdut garanti skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014.

2. Fid-deskrizzjoni tal-awtorita kompetenti, garanzija tista' tingħata billi:

(a) isir rahan ta' flus kontanti ddepożitati f'bank;

(b) isir rahan ta' talbiet rikonoxxuti fuq korp pubbliku jew fondi pubbliċi, li jkunu għalqu u li jridu jitħallsu u li fuqhom ma hemm l-ebda talba oħra bi preċedenza; u/jew

(c) isir rahan kollaterali negozzjabbli fl-Istat Membru kkonċernat sakemm dan ikun maħruġ u garantit minn dak l-Istat Membru.

3. L-awtorità kompetenti tista' timponi kundizzjonijiet addizzjonali sabiex taċċetta l- garanziji tat-tip elenkati fil-paragrafu 2.

Artikolu 52

Kollaterali negozzjabbli

1. Ir-rahan kollaterali skont il-punt (c) tal-Artikolu 51(2) għandu, fiż-żmien meta tingħata l- garanzija, ikollu l-valur disponibbli ta' mill-anqas 115 % tal-valur tal- garanzija meħtieġ.

2. Awtorità kompetenti tista' taċċetta garanzija kif hemm referenza fil-punt (c) tal-Artikolu 51(2), biss jekk il-parti li toffriha timpenja ruħha, bil-miktub, jew li tagħti garanzija addizzjonali jew li tibdel il-garanzija oriġinali jekk il-valur disponibbli tat- garanzija inkwistjoni, jkun, għal perjodu ta' tliet xhur, taħt il-105 % tal-valur tal-garanzija

▼B

meħtieġa. Dan l-impenn bil-miktub ma għandux jinħtieġ fejn il-liġijiet nazzjonali jipprovdu għal dan. L-awtorità kompetenti għandha tirrivedi regolarment il-valur ta' garanzija bħal din.

3. Il-valur disponibbli ta' garanzija kif hemm referenza fil-punt (c) tal-Artikolu 51(2), għandu jiġi stmat mill-awtorità kompetenti, billi tqis l-ispejjeż kollha tad-disponiment.

4. Il-valur disponibbli tal-garanziji għandu jiġi stmat fuq l-aħħar kwotazzjoni disponibbli.

5. Il-parti li tagħmel il-garanzija għandha, fuq it-talba tal-awtorità kompetenti, tipprovdi prova tal-valur disponibbli tiegħu.

Artikolu 53

Sostituzzjoni u assenjar

1. Kull forma ta' garanzija tista' tinbidel b'oħra.

Madankollu, għandu jkun meħieġ il-qbil tal-awtorità kompetenti fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta d-dritt għal-garanzija oriġinali jkun ġie kkonfiskat iżda jkun għadu ma ġiex irrealizzat; jew

(b) fejn il-garanzija mibdula tkun tat-tip elenkat fl-Artikolu 51(2).

2. Garanzija fi blokk wieħed tista' tinbidel b'garanzija oħra fi blokk wieħed bil-kundizzjoni li l-garanzija fi blokk il-ġdida tkopri mill-anqas dik il-parti tal-garanzija fi blokk wieħed oriġinali assenjata fiż-żmien tas-sostituzzjoni sabiex tiżgura t-twettiq ta' obbligu wieħed jew aktar li jkunu għadhom ma twettqux.

3. Malli parti minn garanzija fi blokk wieħed tiġi assenjata għal xi obbligu partikolari, għandu jiġi nnotat il-bilanċ tal-garanzija fi blokk wieħed li jifdal.

TAQSIMA 3

Rilaxx u konfiska

Artikolu 54

Rilaxx parzjali

Fejn ir-regoli speċifiċi tal-Unjoni ma jispeċifikawx kwantità minima, l-awtorità kompetenti tista' hija stess tirrestringi n-numru tar-rilaxxamenti parzjali ta' kull waħda mill-garanziji, u tista' tispeċifika somma minima għal kull rilaxx bħal dan.

Qabel ma tirrilaxxa l-garanzija kollha jew parti minnha l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ li tingħata talba bil-miktub għar-rilaxx.

Fil-każ ta' garanziji li jkopru, aktar minn 100 % tas-somma meħtieġa li tkun garantita, dik il-parti tal-garanzija li taqbeż il-100 % għandha tiġi rrilaxxata meta l-bqija tas-somma garantita tkun irrilaxxata jew ikkonfiskata.

Artikolu 55

Konfiska

1. Ladarba l-awtorità kompetenti tkun konxja miċ-ċirkustanzi li qed iwasslu għall-konfiska tal-garanzija, kollha kemm hi jew parti minnha,

▼B

l-awtorità għandha mingħajr dewmien titlob lill-parti li tkun meħtieġa li tissodisfa l-obbligu li tħallas is-somma kkonfiskata, sa 30 jum mill-ġurnata tal-wasla tat-talba għall-pagament.

Meta l-pagament ma jsirx sal-aħħar ta' dan il-perjodu, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) mingħajr dewmien twarrab kwalunkwe garanzija tat-tip deskritt fl-Artikolu 51(1)(a) għall-kont xieraq;

(b) mingħajr dewmien titlob lill-garanti li hemm referenza għalih fl-Artikolu 51(1)(b) li jħallas, sa 30 jum mill-ġurnata tal-wasla tat-talba għall-pagament;

(c) mingħajr dewmien tieħu l-passi biex:

(i) tikkonverti l-garanziji deskritti fl-Artikolu 51(2)(b), u (c), fi flus bżżejjed għall-irkuprar tas-somma dovuta;

(ii) twarrab ir-rahar tad-depożiti ta' flus li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 51(2)(a) fil-kont tagħha stess.

L-awtorità kompetenti tista' mingħajr dewmien twarrab kwalunkwe garanzija tat-tip deskritt fl-Artikolu 51(1)(a) lejn il-kont xieraq mingħajr ma tkun teħtieġ li l-persuna kkonċernata tagħmel l-pagament.

2. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 1:

(a) fejn tittieħed id-deċiżjoni li tiġi kkonfiskata garanzija imma fuq appell tiġi sussegwentement posposta skont il-liġi nazzjonali, il-parti kkonċernata għandha tħallas l-imgħax fuq is-somma attwalment ikkonfiskata matul il-perjodu li jibda 30 jum mill-ġurnata tal-wasla tat-talba għall-pagament kif hemm referenza fil-paragrafu 1, u li jispiċċa fil-jum ta' qabel il-pagament tas-somma attwalment ikkonfiskata.

(b) meta b'segwiment tar-riżultat tal-proċedura ta' appell, il-parti kkonċernata tintalab tħallas, fi żmien 30 jum is-somma kkonfiskata, għall-finijiet tal-kalkolu tal-imgħax, l-Istat Membru jista jikkunsidra li jagħmel il-pagament nhar l-20 jum wara d-data ta' dik it-talba;

(c) ir-rata tal-imgħax applikabbli hija kkalkulata skont il-liġi nazzjonali, iżda fl-ebda każ ma għandha tkun anqas mir-rata tal-imgħax applikabbli fil-każ ta' rkupru tal-ammonti nazzjonali;

(d) l-aġenziji tal-pagamenti għandhom inaqqsu l-imgħax imħallas mill-infiq tal-FAEG jew tal-FAEŻR skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013;

(e) L-Istati Membri jistgħu perjodikalment jitolbu żieda tal-garanzija fir-rigward tal-imgħax involut.

3. Meta garanzija tkun ġiet ikkonfiskata u l-ammont jkun diġà kkreditat lill-Fondi u, b'segwiment tar-riżultat tal-proċedura ta' appell, is-somma kkonfiskata kollha kemm hi jew parti minha, inkluż l-imgħax b'rata skont il-liġi nazzjonali, jkollha jitħallas lura, is-somma li għandha titħallas lura għandha tintrefa' mill-Fondi sakemm il-pagament mill-ġdid tal-garanzija ma jkunx attribwit għan-negliġenza jew għal żball serju tal-awtoritajiet amministrattivi jew ta' korpi oħra tal-Istat Membru.

▼B

TAQSIMA 4

Informazzjoni

Artikolu 56

Informazzjoni dwar konfiska ta' garanziji, tipi ta' garanziji u garanti

1. L-Istati Membri għandhom iżommu disponibbli għall-Kummissjoni, għal kull sena, in-numru totali u s-somma ta' garanziji kkonfiskati, ikun xi jkun l-istadju milħuq tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 55, b'distinzjoni fiż-żewġ każijiet bejn dawk ikkreditati fuq il-bażits nazzjonali u dawk ikkreditati fuq il-bażit tal-Unjoni. Dik l-informazzjoni għandha tinżamm għal dak li għandu x'jaqsam mal-garanziji kollha kkonfiskati għal ammont ta' aktar minn EUR 1 000 u kull dispożizzjoni tal-Unjoni li teħtieġ li tingħata garanzija. L-informazzjoni għandha tkopri kemm is-somom imħallsa direttament mill-parti interessata kif ukoll is-somom irkuprati permezz ta' rilaxx ta' garanzija.

2. L-Istati Membri għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni lista ta':

(a) it-tipi tal-istituzzjonijiet awtorizzati li jaġixxu bħala garanti u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-rigward;

(b) it-tipi ta' garanziji aċċettati skont l-Artikolu 51(2) u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-rigward.

KAPITOLU VI

TRASPARENZA

Artikolu 57

Kontenut tal-pubblikazzjoni

1. L-informazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 111(1)(c) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandha tinkludi:

(a) it-tqassim tal-ammonti ta' pagamenti li hemm referenza għalihom fil-punt (c) ta' dak l-Artikolu għal kull miżura individwali elenkata fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament, kif ukoll is-somma ta' dawk l-ammonti rċevuti minn kull benefiċjarju fis-sena finanzjarja kkonċernata;

(b) deskrizzjoni tal-miżuri ffinanzjati mill-Fondi, kif li hemm referenza fil-punt (d) ta' dak l-Artikolu u elenkati fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament, inklużi n-natura u l-għan ta' kull miżura.

2. L-ammonti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 huma espressi f'euro fl-Istati Membri li adottaw l-euro u fil-munita nazzjonali fi Stati Membri oħra.

3. L-Istati Membri jistgħu jippubblikaw informazzjoni aktar dettaljata minn dik stipulata fil-paragrafi 1 u 2, mingħajr ħsara għall-protezzjoni tal-privatezza meħtieġa.

▼B

Artikolu 58

Pubblikazzjoni tal-muniċipalità

Meta l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata għall-fini tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tkun, minħabba n-numru limitat ta' benefiċjarji residenti jew irreġistrati f'muniċipalità partikolari, tippermetti l-identifikazzjoni ta' benefiċjarju persuna fiżika, l-Istat Membru għandu jippubblika bħala informazzjoni, għall-fini tal-Artikolu 111(1) ta' dak ir-Regolament, l-ikbar entità amministrattiva li jmiss li l-muniċipalità inkwistjoni tagħmel parti minnha.

Artikolu 59

Format u data tal-pubblikazzjoni

1. L-informazzjoni li għandha tkun disponibbli fuq websajt unika, kif hemm referenza fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 111(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandha tkun aċċessibbli permezz ta' għodda tat-tiftix li tippermetti lill-utenti jfittxu għal benefiċjarji skont l-isem, il-muniċipalità, kif hemm referenza fl-Artikolu 58 ta' dan ir-Regolament, jew l-ammonti li jkunu waslu jew b'kombinament tagħhom, u joħorġu l-informazzjoni korrispondenti f'sett wieħed ta' dejta. Dik l-informazzjoni għandha tingħata fil-lingwa/i uffiċjali tal-Istat Membru u/jew f'waħda mit-tliet lingwi ta' ħidma tal-Kummissjoni.

2. L-informazzjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppubblikata sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' qabel.

3. Skont dak l-Artikolu, l-informazzjoni għandha tibqa' disponibbli fuq il-websajt għal sentejn wara d-data tal-pubblikazzjoni inizjali.

Artikolu 60

Informazzjoni dwar il-benefiċjarji

L-informazzjoni tal-benefiċjarji li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 113 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandha tingħata lill-benefiċjarji billi tiddaħħal fil-formoli tal-applikazzjoni għall-ksib tal-fondi li joħorġu mill-Fondi, jew inkella fil-ħin meta tingħabar id-dejta.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, fir-rigward tad-dejta relatata ma' pagamenti riċevuti fis-snin finanzjarji 2014 u 2015, l-informazzjoni tal-benefiċjarji għandha tingħata tal-anqas xahrejn qabel id-data tal-pubblikazzjoni.

Artikolu 61

Pubblikazzjoni tal-limiti relatati mal-iskema ta' bdiewa Żgħar

L-ammonti notifikati mill-Istati Membri skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Unjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 62(1) ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 62

Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm websajt tal-Unjoni taħt l-indirizz tal-Internet ċentrali tagħha u li tkun tinkludi l-links mal-websajts tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi aġġornamenti tal-links tal-Internet skont l-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-indirizzi tal-Internet tal-websajts tagħhom ħekk kif dawn jiġu stabbiliti kif ukoll kull tibdil li jsir fuqhom jekk dan ikollu influwenza fuq l-aċċessibbiltà għall-websajts tagħhom mill-websajt tal-Unjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jaħtru entità li tkun responsabbli għall-istabbiliment u ż-żamma tal-websajt unika li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 59(1). Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bl-isem u l-indirizz ta' dik l-entità.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONI FINALI

Artikolu 63

Revoka

Ir-Regolamenti (KE) Nru 601/94, (KE) Nru 4/2004 u (KE) Nru 259/2008 huma revokati.

▼M1

Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 259/2008 għandu jkompli japplika għall-pagamenti magħmula għas-snin finanzjarji 2012 u 2013. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 3(3) ta' dak ir-Regolament, l-informazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinżamm disponibbli fuq il-websajt sal-31 ta' Mejju 2015, jew, sa meta l-informazzjoni dwar il-pagamenti magħmula għas-sena finanzjarja 2014 tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 59(2) ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 64

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu:

(a) L-Artikolu 10 għandu japplika għal infiq li seħħ u d-dħul assenjat li rċevew l-Istati Membri mis-16 ta' Ottubru 2014;

(b) L-Artikoli minn 34 sa 40 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2015. Madankollu, il-perjodi ta' żmien stipulati fl-Artikolu 34(3) u (4), ma għandhomx japplikaw għall-inkjesti tal-approvazzjoni tal-konformità li għalihom intbagħtet komunikazzjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 885/2006 qabel l-1 ta' Jannar 2015;

▼B

(c) Il-Kapitolu VI għandhom japplika għal pagamenti li saru mis-sena finanzjarja 2014 ‘il quddiem;

(d) L-informazzjoni trażmessa mill-Istati Membri skont l-Anness II, il-kolonni V1 u V2, għandha tingħata mill-bidu tas-sena finanzjarja 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

DIKJARAZZJONI AMMINISTRATTIVA

(Artikolu 3)

Jiena, …, id-Direttur tal-Aġenzija tal-Pagamenti ta' …, nippreżenta l-kontijiet għal din l-Aġenzija tal-Pagamenti għas-sena finanzjarja 16/10/xx sa 15/10/xx+1.

Niddikjara, abbażi tal-ġudizzju tiegħi stess u fuq l-informazzjoni li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi, inkluż, fost l-oħrajn, ir-riżultati tax-xogħol tas-servizz ta' awditjar intern, li:

— il-kontijiet ippreżentati jagħtu, safejn naf jiena, perspettiva vera, sħiħa u preċiża tal-infiq u tal-introjti għas-sena finanzjarja li hemm referenza għaliha hawn fuq. B'mod partikolari, id-djun, il-ħlasijiet bil-quddiem, il-garanziji u l-ħażniet kollha li naf bihom jien ġew irreġistrati fil-kontijiet, u l-introjtu kollu miġbur relatat mal-FAEG u mal-FAEŻR ġie kkreditat kif suppost lill-fondi xierqa;

— Jien implimentajt sistema li tipprovdi assigurazzjoni raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, inkluż li l-eliġibbiltà tat-talbiet u, għall-iżvilupp rurali, il-proċedura għall-attribuzzjoni tal-għajnuna, huma ġestiti, ikkontrollati u ddokumentati skont ir-regoli tal-Unjoni;

In-nefqa mdaħħla fil-kontijiet intużat għall-iskop intiż tagħha, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Barra minn hekk, nikkonferma li hemm fis-seħħ miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi skont l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u li dawn iqisu r-riskji identifikati.

Madankollu, din l-assigurazzjoni, hija soġġetta għar-riżervi li ġejjin:

Finalment, nikkonferma li ma naf bl-ebda kwistjoni mhux żvelata li tista' tkun ta' dannu għall-interess finanzjarju tal-Unjoni.

Firma

▼M3

▼C2

ANNESS II

Mudell ta' tabella msemmi fl-Artikolu 29(f)

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 29(f) għandha tiġi pprovduta għal kull aġenzija tal-pagamenti bl-użu ta' din it-tabella:

Każijiet ġodda ([1])	Każijiet antiki ([2])		
x	x	Aġenzija tal-Pagamenti	A
x	x	Fond	B
x	x	Każ (ġdid/antik):	AA
x		Sena finanzjarja tan-nefqa tal-oriġini	V1 ([3])
x		Kodiċijiet tal-baġit tan-nefqa tal-oriġini	V2 ([4])
x	x	Sena finanzjarja n	C
x	x	Unità tal-valuta	D
x	x	Numru tal-identifikazzjoni tal-każ	E
x	x	Identifikazzjoni tal-OLAF jekk applikabbli ([5])	F
	x	Każ fil-ktieb tad-debituri	G
x	x	Identifikazzjoni tal-benefiċjarju	H
x	x	Programm magħluq (għall-FAEŻR biss)	I
x		Data tal-approvazzjoni tar-rapport ta' kontroll jew dokument simili kif imsemmi fl-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013	W
	x	Sena finanzjarja tas-sejba primarja tal-irregolarità	J
x		Data tat-talba tal-irkupru	x
x	x	Soġġett għal proċeduri ġudizzjarji	K
	x	Ammont oriġinali li għandu jiġi rkuprat	L
x		Ammont oriġinali li għandu jiġi rkuprat (prinċipali)	L1
x		Ammont oriġinali li għandu jiġi rkuprat (imgħax)	L2
x		Ammont prinċipali li għalih kien għaddej l-irkupru fl-aħħar tas-sena finanzjarja n – 1	Y1
x		Imgħax li għalih kien għaddej l-irkupru fl-aħħar tas-sena finanzjarja n – 1	Y2

▼C2

Każijiet ġodda ([1])	Każijiet antiki ([2])		
	x	Ammont totali kkoreġut (il-perjodu ta' rkupru kollu)	M
	x	Ammont totali rkuprat (il-perjodu ta' rkupru kollu)	N
	x	Ammont li ġie ddikjarat irrikuperabbli	O
x		Ammont (prinċipali) iddikjarat irrikuperabbli	O1
x		Ammont (imgħax) iddikjarat irrikuperabbli	O2
x	x	Sena finanzjarja tal-istabbiliment tal-irrikuperabbiltà	P
x	x	Raġuni għall-irrikuperabbiltà	Q
	x	Ammont ikkoreġut (fis-sena finanzjarja n)	R
x		Ammont ikkoreġut (prinċipali) (fis-sena finanzjarja n)	R1
x		Ammont ikkoreġut (imgħax) (fis-sena finanzjarja n)	R2
x		Imgħax (fis-sena finanzjarja n)	Z
	x	Ammonti irkuprati (fis-sena finanzjarja n)	S
x		Ammont irkuprat (prinċipali) (fis-sena finanzjarja n)	S1
x		Ammont irkuprat (imgħax) (fis-sena finanzjarja n)	S2
x	x	Ammont li għalih għadu għaddej l-irkupru	T
x		Ammonti (prinċipali) li għalih għadu għaddej l-irkupru	T1
x		Imgħax li għalih għadu għaddej l-irkupru	T2
x		Ammont soġġett għar-regola ta' 50/50 kif stipulat fl-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fi tmiem is-sena finanzjarja n	BB
x	x	Ammonti li għandu jiġi kkreditat lill-baġit tal-UE	U

([1]) Dan jikkonċerna l-każijiet irrappurtati bl-użu tal-mudell stabbilit f'dan l-Anness, b'bidu mis-sena finanzjarja 2015.
([2]) Dan jikkonċerna l-każijiet irrappurtati bl-użu tal-mudell stabbilit f'dan l-Anness sas-sena finanzjarja 2014 inkluża.
([3]) Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta b'bidu mis-sena finanzjarja 2016.
([4]) Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta b'bidu mis-sena finanzjarja 2016.
([5]) Dan jikkonċerna n-numru/i ta' referenza tal-OLAF (numri ta' notifikazzjoni tal-IMS).
"x" tfisser li l-kolonna hija applikabbli.

▼B

ANNESS III

IT-TABELLA MUDELL LI HEMM REFERENZA GHALIHA FL-ARTIKOLU 29(g)

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 29(g) għandha tiġi pprovduta għal kull aġenzija tal-pagamenti billi tintuża din it-tabella:

a	b	c	i	d	e	f	g	h
Aġenzija tal-Pagamenti	Fond	Unità tal-munita	Kategorija tal-ammont pendenti (sanzjoni tal-kundizzjonalità, sanzjoni multi-annwali jew oħrajn)	Bilanċ 15 ta' Ottubru N-1	Każijiet ġodda (sena N)	Irkupri totali (sena N)	Korrezzjonijiet totali inklużi ammonti irrekuperabbli (sena n)	Ammont li għandu jiġi rkuprat 15 ta' Ottubru N

▼B

ANNESS IV

TRASMISSJONI TAL-MISTOQSIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 31(4)

Il-mistoqsijiet imsemmija fl-Artikolu 31(4) għandhom jintbagħtu lil:

— European Commission, DG AGRI-J1, B-1049 Brussels,

jew

— AGRI-J1@ec.europa.eu.

▼B

ANNESS V

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TINSTAB FL-ANALIŻI TAR-RISKJU ANNWALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 42(2)

1. **Valutazzjoni tal-analiżi tar-riskju tas-sena ta' qabel**

Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-effikaċja tal-analiżi tar-riskju tas-sena ta' qabel, inkluża l-evalwazzjoni tal-punti pożittivi u d-dgħjufijiet tagħha. Kull possibbiltà għal titjib għandha tiġi identifikata b'mod ċar u l-implimentazzjoni tagħha għandha tiġi kkunsidrata.

2. **Librerija ta' informazzjoni**

Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-għejun kollha ta' informazzjoni meqjusa sabiex tiġi ppreparata u mwettqa l-analiżi tar-riskju. Għandha ssir referenza partikolari għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 ([1]).

3. **Il-proċedura tal-għażla**

Għandha tiġi pprovduta deskrizzjoni tal-proċedura li għandha tiġi applikata sabiex jintgħażlu l-impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati. Għandha ssir indikazzjoni ċara tan-numru/perċentwal ta' impriżi u s-setturi/miżuri li għalihom għandhom jiġu applikati analiżi tar-riskju, għażla b'mod każwali, awtomatika u/jew manwali. Is-setturi/miżuri li għandhom jiġu eskluži għandhom jiġu identifikati b'mod ċar u għandhom jiġu deskritti r-raġunijiet għall-esklużjoni.

4. **Fatturi ta' riskju u valuri ta' riskju li għandhom jiġu applikati**

Fejn għandha tiġi applikata analiżi tar-riskju, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-fatturi ta' riskju kollha meqjusin u l-valuri possibbli sussegwenti assenjati għal dawk il-fatturi ta' riskju. Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta skont it-tabelli kampjuni pprovduti hawn taħt.

Fatturi ta' riskju u valuri ta' riskju applikabbli għall-miżuri kollha soġġetti għall-analiżi tar-riskju		
Fatturi ta' riskju	**Valuri ta' riskju**	
	Deskrizzjoni	**Valuri**

Fatturi ta' riskju u valuri ta' riskju speċifiċi applikabbli għar-rifużjonijiet għall-esportazzjonijiet		
Fatturi ta' riskju	**Valuri ta' riskju**	
	Deskrizzjoni	**Valuri**

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1):

▼B

Fatturi ta' riskju u valuri ta' riskju speċifiċi applikabbli għal … (settur/miżura)		
Fatturi ta' riskju	**Valuri ta' riskju**	
	Deskrizzjoni	**Valuri**

5. **L-ippeżar tal-fatturi ta' riskju**

Fejn xieraq, għandha tingħata deskrizzjoni tal-proċedura li għandha tiġi applikata għall-ippeżar tal-fatturi ta' riskju.

6. **Ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju**

Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar kif ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju u l-istabbiliment ta' "lista ta' punteġġ" (għal kull settur/miżura speċifiku/a — fejn xieraq) sejrin jiġu riflessi fl-għażla tal-impriżi fil-pjan ta' skrutinju finali.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-possibbiltà ta' azzjonijiet konġunti kif ipprovdut skont l-Artikolu 44.

7. **Diffikultajiet misjuba u suġġerimenti għat-titjib**

Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar xi diffikultajiet li nstabu u l-miżuri li ttieħdu biex dawn jingħelbu jew proposti għal dan l-għan. Fejn hu xieraq, għandhom isiru suġġerimenti għal titjib.

▼B

ANNESS VI

LISTA TA' IMPRIŻI STABBILITI FI STAT MEMBRU MINBARRA DAK FEJN SAR IL-PAGAMENT TAL-AMMONT IN KWISTJONI FEJN KELLU JSIR JEW JIĠI RIĊEVUT

(Artikolu 45(1))

L-Istat Membru li fih sar jew ġie riċevut il-pagament ..... .

Id-data li fiha ntbagħatet il-lista

L-Istat Membru fejn l-impriża hija stabbilita ..... .

(1) L-isem u l-indirizz		(2) In-natura tal-infiq (uri kull pagament separatament mil-linja baġitarja tal-FAEG u t-tip ta' pagament)	(3) L-ammont (fil-munita nazzjonali) għal kull pagament individwali li waqt is-sena finanzjarja tal-FAEG kien:		(4) Indika jekk l-ispezzjoni tal-impriża mitluba skont *Artikolu 45* (ara nota A)
(i) ta' impriża fl-Istat Membru fejn stabbilita	(ii) li għaliha sar pagament jew li minnha sar pagament		(i) mħallas lill-impriża	(ii) mħallas mill-impriża	

Noti:

A. Jekk hu hekk, għandha tinbagħat talba speċifika, permezz tal-formola kampjun stabbilita fl-Anness VIII, inkluż l-informazzjoni kollha li hemm bżonn biex tippermetti lir-riċevitur jidentifika b'mod tajjeb l-impriża konċernata.

B. Kopja ta' din il-lista għandha tintbagħat lill-Kummissjoni.

C. Fejn mhemmx impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħrajn sakemm ikun ikkonċernat il-pajjiż tiegħek, dan għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri l-oħra kollha u lill-Kummissjoni.

D. Jekk talba għall-iskrutinju ta' impriża skont l-Artikolu 45 issir wara li tintbagħat din il-lista, kopja tat-talba, skont l-Anness VIII, għandha tintbagħat lill-Kummissjoni.

▼B

ANNESS VII

LISTA TA' IMPRIŻI STABBILITI F'PAJJIŻ TERZ FEJN IL-PAGAMENT TAL-AMMONT IN KWISTJONI SAR JEW KELLU JSIR JEW RIĊEVUT FI STAT MEMBRU

(Artikolu 45(2))

L-Istat Membru li fih sar jew ġie riċevut il-pagament ..... .

Id-data li fiha ntbagħatet il-lista

Il-pajjiż terz fejn l-impriża hija stabbilita ..... .

(1) L-isem u l-indirizz		(2) In-natura tal-infiq (uri kull pagament separatament mil-linja baġitarja tal-FAEG u t-tip ta' pagament)	(3) L-ammont (fil-munita nazzjonali) għal kull pagament individwali li waqt is-sena finanzjarja tal-FAEG kien:		(4) Kummenti oħrajn (eż. elenka punt punt id-diffikultajiet waqt il-kontroll, suspetti ta' irregolarità, analiżi ta' riskju, eċċ.)
(i) ta' impriża fil-pajjiż terz fejn stabbilita	(ii) li għaliha sar pagament jew li minnha sar pagament		(i) mħallas lill-impriża	(ii) mħallas mill-impriża	

Nota:

Jekk mhemmx impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħrajn fir-rigward tal-pajjiż tiegħek, kopja ta' dan l-Anness għandha tintbagħat lill-Kummissjoni fejn jiġi indikat b'mod ċar li dan hu l-każ.

▼B

ANNESS VIII

TALBA GĦALL-SKRUTINJU SKONT L-ARTIKOLU 45(3)

L-entrati mmarkati b'asterisk għandhom jimtlew fil-każijiet kollha; entrati oħra għandhom jimtlew fejn xieraq

Din it-talba hija bbażata fuq: L-Artikolu 83(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013

A	(*) 1. L-Istat Membru rikjedent	.....
	(*) 2. Isem id-dipartiment speċjali	.....
	(*) 3. L-indirizz	.....
	(*) 4. In-numru tat-telefon	.....
	5. In-numru tal-faks	.....
	6. E-mail	.....
	7. L-uffiċjal responsabbli	.....
	8. Isem l-organizzazzjoni tal-kontroll responsabbli	.....
	9. L-indirizz	.....
	10. In-numru tat-telefon	.....
	11. In-numru tal-faks	.....
	12. E-mail	.....
	13. L-uffiċjal responsabbli	.....
B	(*) 1. L-Istat Membru li jirċievi t-talba	.....
	(*) 2. L-organizzazzjoni	.....
C	(*) 1. Id-data tat-talba	.....
	(*) 2. Il-programm ta' skrutinju	.....
D	Id-dejta tal-benefiċjarju	
	(*) 1. Isem	
	(a) fl-Istat Membru rikjedenti	.....
	(b) fl-Istat Membru li jirċievi t-talba	.....
	(*) 2. In-numru ta' referenza	.....
	(*) 3. L-indirizz:	
	(a) fl-Istat Membru rikjedenti	.....
	(b) fl-Istat Membru li jirċievi t-talba	.....
E	Għat-talbiet skont l-Artikolu 45(3) biss	
	Id-dejta tal-pagament	
	(*) 1. L-aġenzija tal-pagamenti	.....
	(*) 2. In-numru ta' referenza tal-pagament	.....
	(*) 3. It-tip ta' pagament	.....
	(*) 4. L-ammont (indika l-munita)	.....
	(*) 5. Id-data kontabbli	.....
	(*) 6. Id-data tal-pagament	.....
	(*) 7. Il-kodiċi tal-baġit tal-FAEG (kapitolu - artikolu - post - linja)	.....
	(*) 8. Is-sena tal-kummerċjalizzazzjoni jew il-perjodu li għalih japplika l-pagament	.....
	(*) 9. Ir-Regolament li jservi bħala bażi legali għall-pagament	.....

▼B

F	Dettalji tat-tranżazzjoni	
	1. (Esportazzjoni) id-dikjarazzjoni jew in-numru tal-applikazzjoni	.....
	2. Kuntratt:	
	— in-numru	.....
	— id-data	.....
	— il-kwantità	.....
	— il-valur	.....
	3. Fattura:	
	— in-numru	.....
	— id-data	.....
	— il-kwantità	.....
	— il-valur	.....
	4. Id-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni	.....
	5. L-uffiċċju tal-awtorizzazzjoni	.....
	6. In-numru taċ-ċertifikat jew tal-liċenzja	.....
	7. In-numru taċ-ċertifikat jew tal-liċenzja	.....
	Għall-iskemi ta' ħażna	
	8. In-numru tal-offerta	.....
	9. Id-data tal-offerta	.....
	10. Il-prezz għal kull unità	.....
	11. Id-data tal-entrata	.....
	12. Id-data tal-ħruġ	.....
	13. Iż-żieda jew t-tnaqqis fil-kwalità	.....
	Għal rifużjonijiet għall-esportazzjonijiet	
	14. In-numru tal-klejm (jekk differenti min-numru tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni)	.....
	15. L-uffiċċju tad-dwana li ħa l-kontroll tad-dwana	.....
	16. Id-data tal-kontroll tad-dwana	.....
	17. Il-prefinanzjament (kodiċi)	.....
	18. Il-kodiċi tar-rifużjoni tal-esportazzjoni (11-il ċifra)	.....
	19. Il-kodiċi tad-destinazzjoni	.....
	20. Ir-rata prefissa	
	— f'EUR	.....
	— fil-munita nazzjonali	.....
	21. Id-data tat-talba	.....

G	Analiżi tar-Riskju	
	(*) 1. Klassifikazzjoni	
	— għolja	.....
	— medja	.....
	— baxxa	.....
	(*) 2. Ġustifikazzjoni narrattiva għar-rata	.....
		.....
	(jekk hemm bżonn kompli fuq folja separata)	.....
		.....
		.....
		.....
		.....
		.....
		.....
		.....

▼B

H	L-ambitu u l-għan tal-kontroll	
	1. Il-kamp ta' applikazzjoni propost	.....
	2. L-objettivi u d-dettalji tekniċi tagħhom ta' appoġġ	.....
		.....
	(jekk hemm bżonn kompli fuq folja separata)	.....
		.....
I	(*) Lista ta' dokumenti ta' sostenn ipprovdut	.....
		.....
	(jekk hemm bżonn kompli fuq folja separata)	.....
		.....
		.....

▼B

ANNESS IX

IR-RIŻULTATI TAL-ISKRUTINJU SKONT L-ARTIKOLU 45(4)

Ir-rapport tal-iskrutinju wara t-talba tal-Assistenza Reċiproka skont il-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013

NB. L-entrati b'tipa skura huma identiċi għal dawk użati fl-Anness VIII.

L-identifikazzjoni

B.1. **L-Istat Membru li jirċievi t-talba**

2. **L-organizzazzjoni**

3. L-uffiċċju reġjonali

4. Isem il-kontrollur:

A.1. **L-Istat Membru rikjedenti:**

2. **Isem id-dipartiment speċjali:**

8. **Isem l-organizzazzjoni tal-kontroll responsabbli:**

14. In-numru tat-talba/ir-referenza tar-rapport:

C.1. **Id-data tat-talba u n-numru ta' referenza:**

2. **Il-programm ta' skrutinju:**

3. Id-data tar-risposta u n-numru ta' referenza:

D. **Id-dejta tal-benefiċjarju**

1. **L-isem**

(a) **fl-Istat Membru rikjedenti**

(b) **fl-Istat Membru li jirċievi t-talba:**

2. **In-numru ta' referenza**

(a) **fl-Istat Membru rikjedenti**

(b) **fl-Istat Membru li jirċievi t-talba:**

4. Impriżi oħrajn skrutinizzati:

H. **L-ambitu u l-għan tal-kontroll:**

I. **Lista ta' dokumenti ta' sostenn ipprovdut:**

J. Riżultat:

Ir-rapport ta' skrutinju

1. Preparazzjoni/sfond/ambitu
2. Deskrizzjoni tal-impriża/sistema ta' kontroll
3. Ix-xogħol magħmul/Id-dokumenti eżaminati/Is-sejbiet
4. Konklużjonijiet
5. Osservazzjonijiet oħrajn/rakkomandazzjonijiet

▼B

ANNESS X

HARSA ĠENERALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 45(5)

Harsa ġenerali kif ipprovduta fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 83(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ta' … (l-Istat Membru) dwar talbiet għall-iskurtinju u dwar ir-riżultati tal-iskrutinji għall-1el [ ], it-2ni [ ], it-3et [ ], ir-4a' [ ] kwart tas-sena 20…

IT-TALBIET mibgħuta lil:

L-Istat Membru	In-numru totali għal kull Stat Membru	**IT-TALBA**	
		Id-data mibgħuta	In-numru ta' referenza
TOTALI			

IT-TWEĠIBIET mibgħuta lil:

L-Istat Membru	In-numru totali għal kull Stat Membru	**IR-RISPOSTA**	
		Id-data mibgħuta	In-numru ta' referenza
TOTALI			

Noti dwar il-kaxxi:

Kull talba/risposta mibgħuta matul il-kwart tas-sena għandha tiġi inkluża fit-tabella tal-perspettiva ġenerali.

Fejn jgħodd, għandhom jiżdiedu ringieli oħra.

In-numru ta' referenza għat-tweġibiet mibgħuta għandu jkun l-istess bħan-numru ta' referenza fuq it-talba korrispondenti għall-ispezzjoni.

▼B

ANNESS XI

DOKUMENTI TAL-PROGRAMM ANNWALI (L-ARTIKOLU 46(1)

FOLJA A

PROGRAMM TA' SKRUTINJU PROPOST GĦALL-PERJODU .....

(l-Artikolu 84 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013)

1. **Kalkolu tan-numru minimu ta' impriżi**

	A (1) In-numru ta' impriżi li l-introjti jew il-pagamenti tagħhom, jew is-somma tagħhom, ammontaw għal aktar minn EUR 150 000 għas-sena finanzjarja tal-FAEG …		A (2) In-numru minimu
jiġifieri		x 1/2 =	

2. **Il-popolazzjoni li minnha ssir l-għażla**

In-numru totali tal-impriżi li rċevew jew għamlu pagamenti soġġetti għal skrutinju tal-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 matul is-sena finanzjarja … kien kif ġej:

A (3) Numru totali

In-numru totali li l-introjti jew il-pagamenti tagħhom, jew it-total tagħhom, kienu fil-kategoriji li ġejjin:

A (4) Aktar minn EUR 350 000	A (5) EUR 350 000 jew inqas, iżda mhux inqas minn EUR 40 000	A (6) Inqas minn EUR 40 000

3. **Impriżi proposti għall-iskrutinju:**

A (7) Numru totali	A (8) Total ibbażat fuq l-analiżi tar-riskju	

In-numru totali li l-introjti jew il-pagamenti tagħhom, jew it-total tagħhom, kienu fil-kategoriji li ġejjin:

A (9) Aktar minn EUR 350 000	A (10) EUR 350 000 jew inqas, iżda mhux inqas minn EUR 40 000	A (11) Inqas minn EUR 40 000

Noti dwar il-kaxxi:

A (4) Huwa obbligatorju li jiġu skrutinizzati l-impriżi f'din il-kategorija li ma kinux skrutinizzati skont l-Artikolu 42(3) matul iż-żewġ perjodi ta' skrutinju qabel dan il-perjodu ta' skrutinju, kemm-il darba l-pagamenti li jkunu rċevew kienu skont miżura jew miżuri li għaliha/hom ġew adottati tekniki ta' analiżi tar-riskji.

A (9) L-impriżi f'din il-kategorija għandhom jiġu skrutinizzati għal raġunijiet speċifiċi biss, li għandhom jiġu indikati fil-folja D ta' dan l-Anness.

▼B

FOLJA B

PROGRAMM TA' SKRUTINJU PROPOST GHALL-PERJODU .....

(l-Artikolu 84 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013)

Skema ta' skrutinji fir-rigward tal-intestaturi tal-bağit tal-FAEG

Sena finanzjarja tal-FAEG …

B(1) In-Nru tal-Artikolu jew tal-Partita tal-bağit tal-FAEG	B(2) L-infiq totali skont l-intestatura tal-bağit tal-FAEG … (EUR)		B(3) L-infiq totali mill-intestatura tal-bağit tal-FAEG dwar impriżi li l-introjti jew il-pagamenti tagħhom, jew it-total tagħhom, kienu aktar minn EUR 40 000 … (EUR)		B(4) L-infiq totali mill-intestatura tal-bağit tal-FAEG dwar impriżi inklużi fil-programm ta' skrutinju … (EUR)	B(5) Numru ta' impriżi mill-intestatura tal-bağit tal-FAEG inklużi fil-programm ta' skrutinju					
Totali:											

2014R0908 — MT — 09.12.2015 — 003.002 — 70

▼B

FOLJA C

PROGRAMM TA' SKRUTINJU PROPOST GĦALL-PERJODU

(l-Artikolu 84 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013)

Il-kriterji adottati fit-tfassil tal-programm fil-qafas ta' rifużjonijiet għall-esportazzjonijiet u setturi oħrajn fejn ġew adottati tekniki ta' analiżi tar-riskju fejn dawn huma differenti minn dawk inklużi fil-proposti għall-analiżi tar-riskju mibgħuta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 42(2).

Is-settur fejn huwa propost l-iskrutinju (uri l-intestatura tal-baġit tal-FAEG kif stabbilit fil-kolonna B (1) tal-Folja B ta' dan l-Anness)	Kummenti dwar il-kriterji tar-riskju u tal-għażla (agħti dettalji fil-qosor — eż., irregolaritajiet skoperti jew żieda eċċezzjonali fl-infiq)

▼B

FOLJA D

PROGRAMM TA' SKRUTINJU PROPOST GĦALL-PERJODU

(l-Artikolu 84 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013)

Skrutinji proposti, jekk hemm, ta' impriżi li l-introjti jew il-pagamenti tagħhom, jew it-total tagħhom, kienu ta' inqas minn EUR 40 000 matul is-sena finanzjarja tal-FAEG .....

Intestatura tal-baġit tal-FAEG (kif stabbilit fil-kolonna B (1) tal-Folja B)	In-numru ta' impriżi li hu propost li jiġu skrutinizzati	Ir-raġuni speċifika għall-iskrutinju

▼B

FOLJA E

PROGRAMM TA' SKRUTINJU PROPOST GĦALL-PERJODU

(l-Artikolu 84 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013)

TOTAL:

E (1) In-numru totali ta' impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati:

IL-KORP TA' KONTROLL: .....

E (2) In-numru ta' impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati:

IL-KORP TA' KONTROLL: .....

E (3) In-numru ta' impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati:

IL-KORP TA' KONTROLL: .....

E (4) In-numru ta' impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati:

IL-KORP TA' KONTROLL: .....

E (5) In-numru ta' impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati:

IL-KORP TA' KONTROLL: .....

E (6) In-numru ta' impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati:

Noti dwar il-kaxxi:
Fejn jgħodd, għandhom jiżdiedu ringieli oħraż. E (7), E (8) eċċ.

▼B

ANNESS XII

DOKUMENTI TAR-RAPPORT ANNWALI (L-ARTIKOLU 46(2)

PARTI I

L-informazzjoni li għandha tinstab fir-rapport annwali pprovdut fl-Artikolu 86(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013

1. **L-Amministrazzjoni tal-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013**

Għandha tingħata informazzjoni dwar l-amministrazzjoni tal-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, inklużi tibdiliet fl-organizzazzjonijiet responsabbli għall-iskrutinji u fid-dipartiment speċjali responsabbli għas-sorveljanza ta' dak ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 85 tiegħu, u fil-kompetenzi ta' dawk l-organizzazzjonijiet.

2. **Tibdiliet leġiżlattivi**

Għandha tingħata informazzjoni dwar kwalunkwe tibdil leġiżlattiv nazzjonali rilevanti għall-applikazzjoni tal-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 li sar mill-aħħar rapport annwali.

3. **Emendi għall-programm ta' skrutinju**

Għandha tingħata deskrizzjoni ta' kwalunkwe emenda li saret fil-programm ta' skrutinju sottomess lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 84(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 mid-data tas-sottomissjoni ta' dak il-programm.

4. **L-applikazzjoni tal-programm ta' skrutinju kopert minn dan ir-rapport**

Għandha tingħata informazzjoni rigward l-applikazzjoni tal-programm ta' skrutinji għall-perjodu li jintemm fit-30 ta' Ġunju qabel id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tar-rapport, kif hemm referenza għal dan fl-Artikolu 86(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, li tinkludi dawn il-punti li ġejjin, kemm fit-total tagħhom kif ukoll imqassma skont il-korp tal-kontroll (fejn aktar minn korp wieħed iwettaq il-kontroll skont dak ir-Regolament):

(a) in-numru ta' impriżi li ġew skrutinizzati matul il-perjodu ta' skrutinju, skont il-formola kampjun murija fil-Folja A tal-Parti II dan l-Anness;

(b) in-numru ta' impriżi li għadhom qed jiġu skrutinizzati, skont il-formola kampjun murija fil-Folja A tal-Parti II ta' dan l-Anness;

(c) in-numru ta' impriżi li ma kinux soġġetti għal skrutinju matul il-perjodu konċernat b'riżultat tan-non-eżekuzzjoni ta' xi skrutinji, skont il-formola kampjun murija fil-Folja A tal-Parti II ta' dan l-Anness;

(d) ir-raġunijiet għaliex l-iskrutinji msemmija fil-punt(c) ma twettqux;

(e) it-tqassim, skont l-ammonti rċevuti minn jew imħallsa lil, u skont il-miżura, tal-iskrutinji msemmija fil-punti (a), (b), u (c), skont il-formula kampjun murija fil-Folja B tal-Parti II dan l-Anness;

(f) ir-riżultati tal-iskrutinji msemmija fil-punt (a), skont il-formula kampjun murija fil-Folja C tal-Parti II ta' dan l-Anness, inkluż:

(i) in-numru ta' skrutinji li għalihom ġew skoperti l-irregolaritajiet, u n-numru ta' impriżi involuti,

(ii) in-natura ta' dawk l-irregolaritajiet,

▼B

(iii) il-miżura konċernata fejn ġiet skoperta irregolarità,

(iv) il-konsegwenza finanzjarja stmata ta' kull irregolarità;

(g) indikazzjoni tal-medja tad-dewmien tal-iskrutinji f'persuni/jiem, li tindika, fejn prattikabbli, il-ħin imqatta' fuq l-ippjanar, il-preparazzjoni, l-eżekuzzjoni tal-kontrolli u r-rapportar.

5. **L-eżekuzzjoni tal-programmi tal-iskrutinji qabel dak kopert minn dan il-programm**

Ir-rapport għandu jkun fih ir-riżultati tal-iskrutinji mwettqa fir-rigward tal-perjodi tal-iskrutinju ta' qabel, li għalihom ir-riżultati ma kinux disponibbli fil-ħin tas-sottomissjoni tar-rapporti għal dawk il-perjodi ta' skrutinju, li jinkludu għal kull perjodu tal-iskrutinju ta' qabel:

(a) l-istat tal-iskrutinji kkomunikati skont il-punt 4 (b) u (c) fir-rapporti ta' skrutinji ta' qabel, skont il-formula kampjun murija fil-Folja D tal-Parti II ta' dan l-Anness;

(b) in-numru ta' skrutinji li permezz tagħhom ġew skoperti l-irregolaritajiet u n-numru ta' impriżi involuti, skont il-formula kampjun murija fil-Folja C tal-Parti II ta' dan l-Anness;

(c) in-natura ta' dawn l-irregolaritajiet, skont il-formula kampjun murija fil-Folja C tal-Parti II ta' dan l-Anness;

(d) il-miżura konċernata fejn ġiet skoperta irregolarità, skont il-formula kampjun murija fil-Folja C tal-Parti II ta' dan l-Anness,

(e) il-konsegwenza finanzjarja stmata ta' kull irregolarità, skont il-formula kampjun murija fil-Folja C tal-Parti II ta' dan l-Anness.

6. **Assistenza reċiproka**

Sommarju ta' talbiet ta' assistenza reċiproka magħmula jew riċevuti skont il-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

7. **Riżorsi**

Għandhom jiġu trażmessi dettalji dwar ir-riżorsi disponibbli għat-twettiq tal-iskrutinji skont il-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, inkluż:

(a) in-numru ta' impjegati, indikat bħala persuni/snin, allokati għall-iskrutinji, għal kull korp ta' kontroll, u fejn xieraq, kull reġjun;

(b) taħriġ mogħti lill-impjegati li jaħdmu fuq l-iskrutinji, b'indikazzjoni tal-proporzjon ta' staff imsemmi fil-punt (a) li rċieva dan it-taħriġ, u n-natura tat-taħriġ stess;

(c) tagħmir tal-kompjuter u għodda disponibbli għall-istaff li jaħdem fuq dawk l-iskrutinji.

▼B

8. **Diffikultajiet fl-applikazzjoni tal-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013**

Għandha tingħata informazzjoni dwar diffikultajiet li qamu fl-applikazzjoni tal-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-miżuri meħudin biex dawn jiġu jingħelbu jew proposti għal dan il-għan.

9. **Suġġerimenti għal titjib**

Fejn xieraq, għandhom isiru suġġerimenti għat-titjib, jew tal-applikazzjoni tal-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, jew ta' dak ir-Regolament stess.

▼B

PARTI II

FOLJA A

IR-RAPPORT TAL-ISKRUTINJU GĦALL-PERJODU .....

(L-Artikolu 86(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013)

TOTAL: IL-KORP TA' KONTROLL: ….

1. (A) In-numru totali ta' impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati: (B) In-numru ta' impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati:

2. (A) In-numru totali ta' impriżi skrutinizzati: (B) In-numru ta' impriżi skrutinizzati:

3. (A) In-numru totali ta' impriżi fil-fażi tal-iskrutinju: (B) In-numru ta' impriżi fil-fażi tal-skrutinju:

4. (A) In-numru totali ta' impriżi li għadhom mhux skrutinizzati: (B) In-numru ta' impriżi li għadhom mhux skrutinizzati:

IL-KORP TA' KONTROLL: …. IL-KORP TA' KONTROLL: ….

1. (C) In-numru ta' impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati: (D) In-numru ta' impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati:

2. (C) In-numru ta' impriżi skrutinizzati: (D) In-numru ta' impriżi skrutinizzati:

3. (C) In-numru ta' impriżi fil-fażi tal-iskrutinju: (D) In-numru ta' impriżi fil-fażi tal-koiskrutinjuntroll:

4. (C) In-numru ta' impriżi li għadhom mhux skrutinizzati: (D) In-numru ta' impriżi li għadhom mhux skrutinizzati:

Noti dwar il-kaxxi:
Fejn jgħodd, għandhom jiżdiedu kaxxi oħra eż. (E), (F), eċċ

▼B

FOLJA B

RAPPORT TAL-ISKRUTINJU GĦALL-PERJODU …

(L-Artikolu 86(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013)

Rapport tal-kontroll fir-rigward tal-intestaturi tal-bażit tal-FAEG fir-rigward tas-sena finanzjarja tal-FAEG …

Programm ta' skrutinju …

B(1) Nru tal-Artikolu jew tal-Partita tal-bażit tal-FAEG		B(2) Valur totali ta' nfiq marbut ma' impriżi magħżula għall-iskrutinju … (EUR)			B(3) L-impriżi skrutinizzati			B(4) L-impriżi fil-fażi tal-iskrutinju	B(5) L-impriżi mhux skrutinizzati			
					(i) l-infiq attwalment skrutinizzati (EUR)		(ii) l-infiq totali relatat ma' dawk l-impriżi (EUR)	(i) l-infiq totali relatat ma' dawk l-impriżi (EUR)	(i) l-infiq totali relatat ma' dawk l-impriżi (EUR)			
Totali:												

2014R0908 — MT — 09.12.2015 — 003.002 — 78

▼B

FOLJA C

RAPPORT TAL-ISKRUTINJU GHALL-PERJODU …

(L-Artikolu 86(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013)

Irregolaritajiet potenzjali skoperti fir-rigward tal-intestaturi tal-bażit tal-FAEG fir-rigward tas-sena finanzjarja tal-FAEG …

Programm ta' skrutinju …

C(1) In-Nru tal-Artikolu jew tal-Partita tal-bażit tal-FAEG	C(2) In-numru ta' irregolaritajiet potenzjali skoperti	C(3) In-numru ta' pagamenti kkonċernati	C(4) In-numru ta' impriżi kkonċernati	C(5) Il-valur stmat tal-irregolaritajiet potenzjali	C(6) Deskrizzjoni u natura ta' kull irregolarità potenzjali skoperta, in-numru/i ta' referenza tal-impriża/i kkonċernata(i) u n-numru/i ta' referenza tal-OLAF (numri tan-notifika tal-IMS)
Totali:					

▼B

FOLJA D

RAPPORT TAL-ISKRUTINJU GĦALL-PERJODU ….……

(L-Artikolu 86(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013)

L-eżekuzzjoni tal-iskrutinji relatati ma' programmi ta' skrutinju ta' qabel; programm ta' skrutinju …

D(1) Numru ta' impriżi ddikjarati fir-rapport ta' qabel bħala fil-fażi tal-kontroll: [***jekk jogħġbok adotta terminoloġija matul id-dokument kollu***]		D(2) Numru ta' impriżi f'D(1) li għalihom tlestew l-iskrutinji:		D(3) Numru ta' impriżi f'D(1) li għalihom l-iskrutinji għadhom għaddejjin:			
D(4) Il-valur tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati f'D(1):		D(5) Il-valur tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati f'D(2):		D(6) Il-valur tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati f'D(3):			
D(7) Numru ta' impriżi li għalihom l-iskrutinjii fir-rapport ta' qabel kienu ddikjarati li għadhom ma bdewx:		D(8) Numru ta' impriżi f'D(7) li għalihom tlestew l-iskrutinji:		D(9) Numru ta' impriżi f'D(7) li għalihom l-iskrutinji għadhom għaddejjin:		D(10) Numru ta' impriżi f'D(7) li għalihom l-iskrutinji ma nbdewx:	
D(11) Il-valur tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati f'D(7):		D(12) Il-valur tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati f'D(8):		D(13) Il-valur tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati f'D(9):		D(14) Il-valur tat-tranżazzjonijiet ikkonċernati f'D(10):	

▼B

ANNESS XIII

IL-MIŻURI LI HEMM REFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLU 57

1. L-iskemi ta' appoġġ stabbiliti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

2. L-iskemi u l-miżuri li ġejjin stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

— intervent pubbliku;

— għajnuna għal ħażna privata;

— skema ta' frott u ħxejjex għall-iskejjel;

— skema ta' ħalib għall-iskejjel;

— għajnuna fis-settur tal-frott u l-ħxejjex;

— miżuri ta' appoġġ għas-settur tal-inbid;

— għajnuna fis-settur tal-apikultura;

— għajnuna fis-settur tal-ħops;

— rifużjonijiet għall-esportazzjonijiet

3. L-għajnuna fis-settur tad-dud tal-ħarir ipprovduta fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([3]).

4. Il-miżuri ta' informazzjoni u promozzjoni stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 ([4]).

5. Il-miżrui stipulati fir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), ħlief dawk koperti bl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi (ĠU L 3, 5.1.2008 p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

▼B

6. Il-miżrui stipulati fir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), ħlief dawk koperti bl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013

7. Il-miżuri stipulati fil-Kapitolu I tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u inklużi fil-programm ta' żvilupp rurali konċernat.

8. Il-miżuri stipulati fil-Kapitolu I tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 ([2]) u inklużi fil-programm ta' żvilupp rurali konċernat.

▼M1

9. L-iskemi ta' appoġġ stabbiliti fl-Anness I tar- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1)